DIĊEMBRU 2006 – IS-26 SENA – GĦADD 265 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373



# dawl Franġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN
















3 **Nitwieled biex ngħix**
Editorjal

4 **Bibbja**
Patri Donat Spiteri OFMCap

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

8 **Il-Presepju tiegħi**
Judith Gatt OFS

10 **Ittra mingħand Ġesù**
minn Emily Barbaro-Sant

11 **Lejn Ġustizzja Aħjar**
minn Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar LL.D

12 **Kuba**
minn P. Philip Cutajar OFMCap

14 **Vokazzjoni**
minn Sr Marie-Carmel Saliba

15 **OFS**
minn P. Frans Abela Giusti OFMCap

16 **Ħajja Nisranija**
Mons. Pawlu Darmanin, Isqof tad-Djoċesi ta' Garissa, Kenja

18 **Emmen jekk trid**
minn Tony C. Cutajar

20 **Ġi.Fra**
minn Rachel Gatt

21 **Saħħtek**
minn Dr Tonio Piscopo MD, MRCP (UK), DTM&H (Lond.)

22 **Tifkira ta' Fra Antnin Vella OFMCap**
minn Fr Martin Micallef OFMCap

24 **Il-Qawwa tax-Xitan**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

25 **Tweġiba**
minn P. William Axiaq OFMCap

26 **Aljenati jew le!**
minn Harry Agius ordway

28 **Jaqbillek Tinxurja "Ruħek"**
minn Reno Debattista

29 **Werrej 2006**




**Qoxra:**
**il-W.Rev. Patri Mauro Jöehri li nħatar Ministru Ġenerali ġdid għall-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-bidu ta' Settembru 2006.**

**Ħlas ta' l-Abbonament: Lm4 fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14**

*Id-Direzzjoni ta' DAWL FRANĠISKAN tawgura lill-abbonati u qarrejja kif ukoll lill-artikolisti u distributuri tar-rivista, Milied Qaddis b'xewqat ta' Paċi u Ġid.*




**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.
Tel: 2144 0083


*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidħru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*


© Dawl Franġiskan 2006
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

# NITWIELED BIEX NGĦIX.

**It-twelid huwa l-akbar affermazzjoni tal-ħajja. Minnu nnifsu, it-twelid juri li l-ħajja għandha bidu ta' ferħ u ta' stennija. Ara ftit xi jħossu raġel u mara meta jintebħu li tkun ġejja tarbija fid-dinja! Minn naħa l-oħra x'dieqa titnissel fihom meta t-tarbija jitilfuha. X'ħasra hux!**

Il-Milied huwa tħabbira ta' ġrajja li tiġri prattikament kuljum f'ħajjitna, jiġifieri, li **"Alla magħna"** (Mt 1:23). Dan huwa l-ferħ kbir li l-Mulej jixtieq jagħtina f'dan il-Milied. Il-ferħ li ġej mir-realtà kbira li Alla **"sar bniedem u għammar fostna"** (Ġw 1:14). M'għadux iżjed **"Alla fis-sema"** (Ġoż 2:11). Le. Issa sar tant qrib tagħna li nistgħu narawh, immissuh u nitkellmu miegħu. Issa sar tarbija!

Biss tarbija hija ddestinata li tikber, timmatura u ssir il-persuna li suppost tkun. Anki Ġesù ma baqax iżjed tarbija, imma **"baqa' jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja quddiem Alla u quddiem il-bnedmin"** (Lq 2:52). Forsi mhux dan huwa l-għan tat-twelid li nikbru fl-oqsma kollha ta' ħajjitna? Li tikber fis-snin hija ħaġa mill-iċken. Il-proċess fiżiku jrid isir ta' bilfors. Imma mhux bilfors dak li hu psikoloġiku u spiritwali. Hawn min għadu jirreżistih bil-kbir, bejn għax ma jaqbillux u bejn għax jeħtieġlu joħroġ l-għaraq tad-demm biex jasal jindenja ruħu jagħmel l-ewwel pass.

Il-Mulej qatt ma daħak b'ħadd. Uriena biċ-ċar li s-siġra tingħaraf mill-frott li tagħmel. **"Siġra tajba... tagħmel frott tajjeb, u siġra ħażina... tagħmel frott ħażin"** (Mt 12:33). Mela l-frott jikxef x'inhi s-siġra. Għalhekk tajjeb li f'dan ir-rigward naraw xi frott qegħdin nagħmlu. San Pawl jagħtina lista sħiħa tal-frott li suppost qegħdin naħsdu f'ħajjitna. Fejn huma l-attitudnijiet u l-għemejjel ta' **"l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa u r-rażan?"** (Gal 5:22-23). X'qegħdin nagħmlu, l-aħwa, biex fil-komunitajiet reliġjużi, fil-familji, fil-postijiet tar-rikreazzjoni tagħna, u f'kull ambjent fejn inkunu, inġibu nifs il-ħajja u mhux id-dieqa tal-mewt, li ħajja mingħajr Kristu taf idewwaqna?

Il-Mulej twieled biex iwellidna miegħu. Twieled biex jarana ngħixu u mhux neżistu. Kulma jixtieq minna hu li nifthulu qalbna u nċedu għal imħabbtu. Forsi qrara sinċiera, bidu ġdid fil-ħajja tat-talb u mpenn aktar sħiħ fil-vokazzjoni li l-Mulej sejħilna biex ngħixu, żgur li jistgħu jgħinuna nitwieldu mill-ġdid għall-ħajja tal-ferħ, tal-fejqan u tat-tama. Dawn il-ħwejjeġ iwelduna mill-ġdid ma' Ġesù, il-Ħellies tagħna lkoll! •





# Il-kustilja ta' Adam.

## Talb kontra l-għedewwa.

**Inħobb naqra s-Salmi u nitlob bihom. Imma ma nistax nfhem kif nista' nitlob b'ċertu kliem li niltaqa' miegħu f'xi wħud mis-salmi. Qed nirreferi għall-kliem ta' talb lil Alla biex jikkastiga l-għedewwa, bħal dak ta' l-awtur tas-Salm 109, li b'ħeġġa kbira jitlob il-mewt għall-għadu tiegħu u l-miżerja u t-tbatija għal martu u wliedu. U ħafna eżempji oħra bħal dawn.**



Is-Salmi huma wkoll talbiet tagħna l-Insara kif kienu għal-Lhud tat-Testment il-Qadim. Il-Ktieb tas-Salmi sar ukoll il-ktieb tat-talb tal-Knisja ta' Ġesù Kristu. Għalhekk għandna nitolbu bihom u nagħmlu tagħna s-sentimenti tagħhom. Ma nistgħux ma napprezzawx is-sentimenti sbieħ tagħhom imfissrin bi kliem u b'espressjonijiet mill-isbaħ. Tassew li l-ftit versi li magħhom niltaqgħu f'xi salmi, bi kliem ta' vendetta u ta' xewqat għall-għedewwa, ifixkluna u jħawduna. Kif tista' titlob bi kliem bħal dan?

**"Ftit ikunu l-jiem ta' ħajtu, ħaddieħor jeħodlu xogħlu, ikunu wliedu ltiema, u martu armla. Ħadd ma juri tjieba miegħu, ħadd ma jħenn għall-iltiema tiegħu. Jinqata' darba għal dejjem nislu, f'nisel wieħed jitħassar ismu"** (Salm 109:8-9,12-13).

Hu għalhekk biex tkun eliminata din id-diffikultà li fil-liturġija xi versi bħal dawn inqalgħu minn posthom u ma jidhrux fis-salmi. Hekk, il-versi 7-8 fis-Salm 137; il-versi 19-22 fis-Salm 139; u oħrajn. Imma din mhijiex is-soluzzjoni tal-problema. Id-diffikultà ma nħolluhiex billi naqilgħu l-versi minn posthom. Dawn fil-Bibbja qegħdin; hemm ilhom sa mill-bidu u hemm ikollhom jibqgħu. Li rridu nagħmlu hu li naraw kif nistgħu nfissruhom u kif għandna nifhmuhom. Nifhmuhom fid-dawl tal-prinċipji ta' l-interpretazzjoni tal-Bibbja.

L-ewwelnett inqiegħdu dawn il-versi ibsin għal widnejna fuq l-isfond ta' l-istil poetiku tas-salmi. Is-salmi huma poeżiji u poeżiji skond ir-regoli tal-letteratura poetika Semitika. Il-poeta Lhudi jew Iżraeli jimraħ ħafna bil-fantasija meta kien jiġi biex ifisser ħsibijietu.

L-awturi tas-Salmi li kienu jkunu ppersegwitati mill-għedewwa tagħhom – sew personali, li kienu kontra tagħhom personalment, u sew nazzjonali, li kienu kontra l-poplu tagħhom, kienu jitolbu b'fiduċja kbira lil Alla ta' Iżrael biex jeħlishom u jrebbaħhom. Kien ikun f'talb bħal dan li kienu jinfexxu f'talb kontra l-għedewwa. Huma u jitolbu biex Alla jagħtihom ir-rebħa, f'sens oppost kienu jżidu t-talba biex hu jxejjen lill-istess għedewwa. It-telfa ta' l-għedewwa kienet tkun ir-rebħa tagħhom u l-mewt ta' l-għadu l-ħajja tagħhom. Dan kienu jfissruh bi kliem poetiku, ħaj u qawwi. Din il-forma ta' letteratura nsibuha mhux biss fis-salmi, iżda wkoll f'partijiet oħra tal-Bibbja fejn niltaqgħu ma' kliem ta' lment u ta' talb għall-ħelsien mill-għedewwa, bħall-kliem tal-profeta Ġeremija (Ġer 11:20; 18:19-23). Imbagħad, f'għajnejn l-awturi sagri, l-għedewwa ta' Iżrael kienu l-ħżiena jew il-pagani, nies bla Alla jew kontra Alla. Min kien jeħodha kontra Iżrael, il-poplu ta' Alla, kien ikun qed iqum kontra Alla nnifsu. Ħafna drabi

bit-talb tagħhom biex Alla jħarbat u jeqred l-għedewwa ta' Iżrael kienu jfissru l-ħeġġa li kellhom għall-glorja ta' Alla u jisfogaw ix-xewqa ta' qalbhom għar-rebħa tiegħu fuq l-għedewwa tiegħu u tagħhom. Hekk nifhmu kliem bħal dan: **"Kemm nobgħodhom, Mulej, lil dawk li jobogħduk, kemm nistmellhom lil dawk li jqumu kontrik! B'mibegħda mill-akbar nobgħodhom, għalija huma għedewwa tiegħi"** (Salm 139:21-23).

Din hi wkoll il-mentalità tal-liġi tat-tpattija bid-deni għad-deni, imfissra bil-kliem **"Għajn b'għajn, sinna b'sinna"** (Eż 21:25; Lev 24:19-21). Is-salmisti li jitolbu kontra l-għedewwa tagħhom jitkellmu skond l-ispirtu ta' din il-liġi li fiha kienu mgħallmin u fiha trabbew. Hekk fisser dan is-sentiment l-awtur tas-Salm 137: **"Belt ta' Babel, int għad tinqered! Hieni min iħallsek għal kull ma għamiltilna! Hieni min jaħtaflek it-trabi tiegħek u jħabbathom mal-blat"** (8-9).



Meta Ġerusalem waqgħet f'idejn il-Kaldin, dawn ġarrfuha, ħarquha u qerduha għal kollox; bdew jaħtfu t-trabi tal-Lhud minn dirgħajn ommijiethom u jħabbtulhom rashom mal-blat biex joqtluhom taħt għajnejhom. F'dan is-salm, li nkiteb b'tifkira tal-waqgħa ta' Ġerusalemm, is-salmista jfisser ix-xewqa li Babel, il-belt tal-Kaldin, issib minn ipattihielha; iqum kontrieha għadu li jġarrafha u li jħabbat irjus it-trabi tagħha mal-blat, kif kienu għamlu huma mal-Lhud. Din kienet il-liġi tal-vendetta. Imma din mhijiex il-liġi ta' l-Evanġelju. Il-liġi tat-Testment il-Qadim kienet imperfetta. Imma Ġesù ġie biex iwassalha għall-perfezzjoni (Mt 5:17). **"Smajtu x'intqal Għajn b'għajn u sinna b'sinna. Imma jiena ngħidilkom biex bniedem ħażin ma tiqfulux... Ħobbu lill-għedewwa tagħkom u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom"** (Mt 5:38-39, 44).

Din hi issa l-liġi l-perfetta ta' l-imħabba. Ma' din għandna nimxu u mhux ma' l-oħra tat-Testment il-Qadim, li kienet imperfetta. Dawk il-versi tas-salmi li nkitbu fl-ispirtu tal-liġi l-imperfetta, għandna nqegħduhom fid-dawl tal-liġi l-perfetta ta' l-Evanġelju. Bħala Nsara ma nistgħux nitolbu bihom u nagħmlu tagħna s-sentimenti tagħhom. Pjuttost għandna ndawruhom u nitolbu skond l-ispirtu ta' Ġesù Kristu fil-liġi ta' l-imħabba perfetta tiegħu. •



# PATRI MAURO JÖEHRI

## Il-Ministru Ġeneral il-Ġdid ta' l-Ordni Franġiskan Kapuċċin

**Patri Mauro Jöehri Ministru Provinċjal ta' l-Isvizzera, fil-bidu ta' Settembru 2006, jinħatar għal sitt snin li ġejjin bħala Ministru Ġeneral ta' l-Ordni Franġiskan Kapuċċin minn fost 173 kapitulari bi dritt għall-vot. Il-Provinċja ta' Malta kienet rappreżentat mill-Provinċjal Fr Joe Alessandro. Din l-għażla saret fit-83 Kapitlu Ġenerali ta' l-Ordni li sar f'Ruma fil-Kulleġġ Internazzjonali San Lawrenz minn Brindisi. Hu għandu 59 sena. Ta' 17-il sena ngħaqad mal-Franġiskani Kapuċċini f'Novizzjat li għamel f'Arco, fi Trento, u 8 snin wara ordnat saċerdot.**

Fl-ewwel messaġġ qasir tiegħu bħala Ministru Ġeneral, Huna Mauro poġġa bħala motto frażi li jgħidu spiss in-nies tal-muntanji Alpi: Salire insieme, nitilgħu flimkien. Huwa enfasizza l-idea ta' fraternità. Aħna fraternita universali u rridu nuruha mhux bil-kliem imma bil-fatti. Hu temm il-messaġġ tiegħu jitlob lill-Mulej ibierek l-Ordni kollu bil-ħidmiet kollha li l-Aħwa qegħdin iwettqu. Il-preżenza ta' l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini hija mifruxa f'101 pajjiż fid-dinja u li tammonta għal madwar il-ħdax-il elf bejn Professi u dawk fil-formazzjoni tal-Bidu. Fost dan l-għadd ta' aħwa Kapuċċini, 89 minnhom qegħdin jaqdu lill-Knisja bħala Isqfijiet, fost dawn hemm tnejn Maltin fil-Missjoni fil-Kenja, Mons. Pawlu Darmanin – Isqof ta' Garissa, u Mons. Francis Baldacchino – Isqof ta' Malindi. Ninnutaw ukoll li l-kariżma Franġiskana Kapuċċina tikkonferma l-validità tagħha fil-ħajja tal-Knisja fil-persuni ta' ħmistax-il qaddis ikkononizzati u erbgħin beati.

L-awguri tad-Direzzjoni ta' Dawl Franġiskan li ċertament jesprimi s-sentimenti tal-Provinċja Franġiskan Kapuċċina Maltija jingħaqad ma' dak ta' Provinċji oħra lill-Ministru Ġeneral il-Ġdid, Huna Mauro Jöehri f'sentimenti ta' lealtà u ta' radd il-ħajr li għoġbu jilqa' dan l-impenn b'rispett l-Ordni u l-Knisja. •



*Il-Ministru Ġenerali, il-W.Rev. Patri Mauro Jöehri, flimkien mal-grupp ta' Provinċali ta' diversi provinċji Franġskani Kapuċċini (CENOC) li l-provinċja ta' Malta tagħmel parti minnu. Malta hija rappreżentata mill-Provinċjal Fr Joe Alessandro li jidher fil-filliera ta' quddiem, it-tielet mix-xellug.*



# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA

Fil-ħajja jaqblilna nkunu nixbħu lill-bhima ta' l-Apokalissi. L-awtur tal-ktieb jgħidilna li kienet mimlija għajnejn minn quddiem u minn wara. Kienet kapaċi tosserva kollox u xejn ma kien jaħarbilha. Ilkoll kemm aħna rridu nixbħuha xi ftit, inkella ngħixu aljenati u distratti u nitilfu ħafna ġid spiritwali.



## IL-LETTERATURA LLUM

Ħaġa ta' l-iskantament fid-dinja ta' llum x'mibegħda hawn kontra l-verità. Għidli kollox barra l-verità. Anzi, ara tgħidli l-verità għax ħoll xagħrek u ġib iż-żejt. Dejjem kien hekk, imma llum xi ħaga speċjali. Dan ir-ribrezz lejn il-verità qed ninnutawh f'diversi oqsma tal-ħajja: fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, fir-relazzjonijiet ta' bejnietna... Qed nosservawha wkoll fil-letteratura ta' żmienna.

Mortimer Adler, ftit taż-żmien ilu, kien ippubblika ktieb How to Read a Book u kien ġibed l-attenzjoni tal-qarrejja b'dawn il-kelmiet: *"No higher commendation can be given any work of the human mind than to praise it for the measure of truth it has achieved; by the same token, to criticize it adversely for its failure in this respect is to treat it with the seriousness that a serious work deserves. Yet, strangely enough, in recent years, for the first time in western history, there is a dwindling concern with this criterion of excellence. Books win the plaudits of critics and gain widespread popular attention almost to the extent that they flout the truth - the more outrageously they do so, the better. Many readers, and most particularly those who review current publications, employ other standards for judging, and praising or condemning, the books they read - their novelty, their sensationalism, their seductiveness, their force, and even their power to bemuse or befuddle the mind, but not their truth."*



Il-bniedem minn natura tiegħu stess irid il-verità. Anzi s-sewwa huwa parti kostituttiva tal-personalità tiegħu stess. Il-bniedem huwa bniedem daqskemm ifassal ħajtu fuq il-verità oġġettiva. Madankollu l-verità saret iddejjqu wisq. Ma jaħmilhiex. Idoqqulu affarijiet oħrajn imma mhux il-verità. Din jagħlaq widnejh sew għaliha. Jiġrilu hekk iżjed u iżjed jekk iħobb jaqra kotba mhux ta' natura reliġjuża.

Fi skejjel sekondarji, u iżjed u iżjed fl-universitá, l-istudenti, peress li l-istudenti ċerti kotba tal-letteratura moderna jridu jistudjawhom, iżjed u iżjed iridu jgħassu fuqhom infushom biex ma jiġux imbevuti bl-ideat strambi tagħhom.

> **Mulej, agħmel li qatt ma nwarrab il-verità mill-ħajja tiegħi.**

## IL-VALUR TAL-QUDDIESA

M'ilux ġiet mara anzjana biex tagħti quddies għal niesha mejtin. Ta' mara xiħa li hi, qabel ma telqet minn ħdejja qaltli ħaġa li biha ġibditli ħafna l-attenzjoni. Qaltli, *"f'pajjiżna hawn iżjed nies li jagħtu lis-saċerdot flus għall-quddies milli huma stess imorru għall-quddies."* Tgħidx kemm dħaqt malli qaltli hekk, għax qalet ħaġa minnha tassew. Hawn ħafna, iva, li iżjed joffru quddies milli huma stess jmorru għalih. Forsi għax il-persuna mejta tkun ħalliet bil-miktub għand in-nutar li trid li wara mewtha jsirilha ammont ta' quddies għal ruħha.

Hemm bżonn nerġgħu niskopru s-siwi tal-quddiesa. Xi wħud ittraskurawha wisq, basta kienu għamlu l-ewwel tqarbina, basta kienu għal żmien twil abbatini, basta jiftaħru li huma nsara u allaħares min jgħidilhom ħaġa oħra għax b'rashom idur.

Ix-xjuħ tagħna kienu u huma nies ta' fidi. Kellhom idea ċara ta' x'jiġifieri l-quddiesa, kemm hija talba qawwija u riedu li s-sagrifiċċju tal-quddiesa jkun ta' suffraġju effikaċi għalihom. Din hija espressjoni ta' fidi.

Kemm jiddispjaċik tmur f'ċerti skejjel u waqt li tkun għaddejja l-quddiesa fis-sala ta' l-iskola ħafna miż-żgħażagħ jibqgħu fil-bitħa jpaċpċu, jinnamraw, jilgħabu. Tilfu l-gost tal-valuri spiritwali jiddispjaċini ngħid. Ara xi gwaj. Moħħhom biss fil-ħmerijiet u fuq l-affarijiet ta' din id-dinja li tgħaddi.

**Mulej, agħllimni napprezza ħafna l-quddiesa mhux biss tal-Ħadd u tal-festi kmandati, imma anki ta' kuljum.**

## DIFFERENZA BEJN RELIĠJON U OĦRA

Fil-Punent ħafna nies jgħixu spalla ma' spalla ma' nies ta' reliġjon u twemmin differenti minn tagħhom. Madankollu qatt ma għandna naqgħu fin-nassa billi naħsbu li kull reliġjon jew twemmin għandhom l-istess valur u kredibbiltà. Fil-każ dan ikun ifisser li qed inwarrbu fil-ġenb il-valur tal-verità. Aħna rridu nħaddnu dik ir-reliġjon u dak it-twemmin li l-iżjed għandu



garanzija ta' verità. Ma nistgħux u ma jaqblilniex inġibu r-reliġjonijiet kollha u kull twemmin fuq l-istess livell. Ikun żball kbir ħafna.

## IDEA PERIKOLUŻA F'ĊERTI SKEJJEL

Ikollna nammettu bla biża' ta' xejn li ninsabu f'dinja magħrufa għall-ideat strambi tagħha. Xi wħud huma tal-fehma li ftit Kristjaniżmu ma jagħmel l-ebda ħsara lit-tfal, imma jkun jaqblilhom jekk meta jikbru u jaqbżu t-tfulija, il-Kristjaniżmu ma jkomplux jeħduh b'ħafna serjetà.



Jekk qed tifhimni sew, kif nemmen li qiegħed tagħmel, qed tinduna li xi wħud qed jirsistu biex ir-reliġjon nisranija jorbtuha biss mat-tfulija. B'hekk meta t-tfal isiru żgħażagħ mill-ewwel jarmu r-reliġjon li sa dak inħar ikunu stqarrew, għax jgħidulek li issa ma għadhomx tfal u għandhom bżonn ħwejjeġ oħra ġodda f'ħajjithom.

Il-misteru tal-ħażen qed jaħdem wisq fi żmienna u qed iħalli l-impressjonijiet diżastrużi tiegħu. •



# APPOSTOLAT TAT-TALB

***Intenzjonijiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna għas-sena 2006.***

## L-OFFERTA TA' KULJUM

Alla Missier, noffrilek dan il-jum, bit-talb, il-ħsibijiet, il-kliem, il-ħidma, il-ferħ u t-tbatija kollha tiegħi f'għaqda sħiħa ma' Ġesù Ibnek, li jkompli joffri lilu nnifsu fl-Ewkaristija għall-ħelsien tad-dinja. Agħmel li l-Ispirtu s-Santu, li mexxa lil Ġesù, imexxi lili wkoll u jkun ta' qawwa għalija biex inkun xhud ta' l-imħabba tiegħek. Ma' Marija, omm il-Mulej u omm il-Knisja, nitolbok b'mod speċjali skond il-fehmiet tal-Papa għal dan ix-xahar.

## DIĊEMBRU

- **Biex Kristu, ta' qalb ħelwa u umli, inebbaħ lill-mexxejja kollha tal-pajjiżi kif jużaw is-setgħa li għandhom bil-għaqal u bir-responsabbiltà.**
- **Biex f'kull naħa tad-dinja l-missjunarji jgħixu l-vokazzjoni tagħhom b'ferħ u b'entużjażmu, waqt li jimxu b'fedeltà fuq il-passi ta' Kristu.**
- **Sabiex nieħdu sehem kif jixraq fil-Liturġija tal-Knisja, speċjalment fiż-żmien ta' l-Avvent u tal-Milied Imqaddes.**



# Il-presepju tiegħi

**Ta' kull sena, fi żmien il-Milied, narma l-presepju bi ftit dwal żgħar biex iffakkarni fil-miġja tal-Feddej kif ukoll fl-ewwel presepju li għamel San Franġisk t'Assisi.**

L-iżgħar pastur li hemm hu l-Bambin fil-maxtura; fl-istess ħin nafu li hu l-ikbar wieħed għax hu l-bidu ta' kollox. Marija bil-ħlewwa tindukrah tajjeb u Ġużeppi, raġel ġust, iħares lejhom. Ir-rgħajja deħlin mgħaġġlin fil-għar, wieħed minnhom mibni b'saffejn, b'xagħar twil qisu Sansun u ieħor jadura l-Messija, it-tarbija mistennija għall-fidwa ta' l-umanità. In-nagħaġ deħlin ukoll biex jaraw x'hemm f'dak il-lejl speċjali iktar mis-soltu.

L-anġli, min jadura, min jitpaxxa bil-Bambin waqt li l-anġlu ta' fuq il-grotta b'żigarella f'idejh li tgħid **"Gloria in excelsis Deo!"** Il-ħmara u l-baqra, li kellhom ix-xorti li jkunu hemm għal din il-ġrajja hekk kbira, bin-nifs tagħhom isaħħnu lit-tarbija Ġesù. Il-Maġi ġejjin mill-bogħod u qatt ma jaslu għax weqfin fuq l-iġmla tagħhom, iħarsu lejn il-kewkba li waqfet fuq il-grotta.

Raġel bejjiegħ tal-ħut ifakkarni li bosta mill-Appostli kienu sajjieda tal-ħut u nbidlu f'sajjieda ta' l-erwieħ. Mara



għaddejja bil-ħobż f'idha tfakkarni li Ġesù qalilna li hu l-ħobż tal-ħajja. Dawn iż-żewġ pasturi flimkien ifakkruni wkoll fil-miraklu tat-tkattir tal-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet. Pastur ieħor huwa raġel iġorr il-krietel ta' l-inbid fuq karrettun immexxi minn barri. Dan iġibli quddiem għajnejja l-miraklu tat-tieġ ta' Kana u iktar minn hekk li l-Mulej Ġesù għażel l-inbid biex jibdlu f'demmu l-għażiż fl-aħħar ikla tiegħu tal-Patt il-Ġdid. Waqt li l-inbid, l-aktar għal-Lhud, ifisser festa.

Hemm raġel ieħor jixrob l-ilma minn għajn ta' l-ilma. Dan qisu jrid jgħidli li kif l-ilma li jfisser ħajja huwa ferm importanti għall-bniedem, hekk ukoll Ġesù Kristu huwa bżonn għall-ħajja tal-bniedem. Barra minn hekk, dan l-istess ilma jfakkarni f'meta suldat Ruman nifed il-ġenb ta' Ġesù fuq is-salib u minnu ħarġu ftit qtar ta' l-ilma. Ifakkarni wkoll f'dak il-passaġġ ta' l-Antik Testment meta l-Poplu Lhudi qam kontra Alla għax kien bil-għatx fid-deżert Sinaj; u Alla ordna 'l Mose biex jagħtihom jixorbu minn blata u hekk sar. Mara ttella' l-ilma mill-bir tfakkarni fis-Samaritana li talbet lil Ġesù jagħtiha l-ilma li jaqta' l-għatx għal dejjem. Dan l-istess bir ifakkarni wkoll fil-bir ta' Ġakobb. Iewġ nisa Lhud jitkellmu bejniethom resqin lejn il-bir waqt li waħda minnhom iġġorr ġarra f'idha. Dawn ifakkruni f'Marta u Marija, żewġ nisa ħbieb ta' Ġesù.

Ftit imwarrab mill-grotta jidher ġuvnott jaħdem l-għalqa. Ifakkarni f'dak il-missier li bagħat liż-żewġ uliedu jaħdmu l-għalqa. Il-kbir qallu li se jmur u ma mar xejn, waqt li ż-żgħir mar u ħadem l-għalqa għalkemm għall-ewwel ma riedx imur. F'għar żgħir hemm ukoll żagħżugħ rieqed. Dan ifakkarni fil-bniedem li ma jħaddimx it-talent li Alla għoġbu jisilfu għall-ġid tiegħu u ta' ħaddieħor. Minn quddiem il-grotta għaddej raġel liebes ta'wieħed mill-kbarat bil-ħorġa mdendla ma' spalltu li tasal sa qaddu, ma jimpurtah xejn minn ħadd. Dan ifakkarni fil-fariżej li dejjem kienu jmaqdru lil Ġesù u għassa għal kull ma jgħid u jagħmel.

Pastura oħra għaddejja minn quddiem il-grotta hija mara xwejħa bl-ixkora fuq daharha li ma tindunax bl-isbuħija ta' dan il-lejl tal-Milied. Jimpurtaha biss minnha nnifisha u tinsa t tbatijiet ta' ħaddieħor, kif drabi nagħmlu aħna llum. Hi qed iġġorr it-tbatija fl-ixkora tagħha u tinsa l-miġja tal Feddej li tinsab tant fil-qrib.

Fl-istess presepju hemm razzett b'ħafna annimali fejn il-pasturi kollha qegħdin fuq xogħolhom. Hemm min qed jaħleb u min jagħlef, waqt li wieħed qed idoqq il-flawt. Botom qżieqeż magħluqa wara xatba. Dawn ifakkruni meta l-Mulej keċċa l-leġjun tax-xjaten u bagħathom f'merħla ħnieżer li kollha marru u qabżu mill-irdum għal isfel. In-nies ta' l-inħawi keċċew 'il Ġesù minn hemm għax kienu rrabjati sew li tilfu l-ħnieżer tagħhom għal xejn b'xejn. Ma għarfux li Ġesù Kristu hu l-Messija, bħal ħafna nies oħra fosthom il-Lhud li għadhom jistennew lill-Messija. Dan il-botom ħnieżer ifakkarni wkoll fl-istorja ta' l-iben il-ħali li spiċċa jirgħa lill-qżieqeż sa ma ntebaħ bil-miżerja tiegħu u mar lura għand missieru.

Hemm ukoll raddiena żgħira fuq għolja u siġar 'l hawn u 'l hinn. Lampa ħelwa fil-għar biex tagħti dawl liċ-ċkejkna pasturi miġbura biex iqimu lill-Bambin, tfakkarni li Ġesù nnifsu huwa d-dawl tad-dinja. Il-qamar ħiemed jagħti l-wens lil kulħadd u l-kwiekeb ileqqu juru s-sbuħija ta' dak il-lejl. Il-kewkba l-kbira ddawwal is-sema bid-dija tagħha għax twieled ir-re tar-rejiet.

Dan il-presepju għalija huwa mezz biex bih nirrefletti aktar fuq il-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu u l-ħin li nqatta' nħares u niċċassa lejh żgur mhux telf ta' żmien. •



Poeżija

## Il-Kagħak ta' l-Għażel

**Minn Mary Mejlak**

La n-nanna qiegħda tisħar – u bdiet tkebbeb bl-imgħażel
Wasalna biex induqu – xi erba' kagħak ta' l-għasel!

La l-anġli sikwit nisma' – igerbu, jgerbu l-bramel
Tkun tagħli l-kastanija – għax qorbu l-kagħak ta' l-għasel.

Mill-forn it-tilar ħiereġ -- ġej mgħobbi wieħed raġel
U jgħajjat ġo widinti – 'Tas-sold il-kagħak ta' l-għasel'.

Madwaru t-tfal tiffolla – hemm storbju daqs ta' Babel,
Kulħadd jixtri u jfarrak – tqarmiċ ta' kagħak ta' l-għasel.

Vapuri ser isiefru – hekk donnhom dawk it-twavel,
Imbarrġa tagħbi, tagħbi – bil-kagħak ħelwin ta' l-għasel.

Żunżan għad illi l-kesħa – arawh ġej b'dawk ix-xwabel
Għal min ma jħallihx jersaq – u jduq il-kagħak ta' l-għasel.

Ħalluh iduq, jixxala – bħat-tfal ħalluh jiżżagħbel,
Dan l-Għid mhux tal-figolli – imma tal-kagħak ta' l-għasel.

Diċembru festa kbira – kull sena tarah jagħmel 4.
Jistieden u jittratta – 'l kulħadd bil-kagħak ta' l-għasel.

Milied x'se ġġibli miegħek – Stennieni ħalli nagħżel:
Bambin, ġellewż u grotta – u rrid il-kagħak ta' l-għasel.



# ITTRA MINGĦAND ĠESÙ



**Maħbubin tiegħi,**

**Kif tafu tajjeb, qed joqrob għeluq snini. Kull sena jsiru festi f'ġieħi u naħseb li anki din is-sena jerġa' jkun hemm ukoll. F'dan iż-żmien ikunu ħafna li jixtru rigali, isiru ħafna avviżi fuq ir-radju u fuq it-televiżjoni u f'kull parti tad-dinja kulħadd isemmi li wasal għeluq snini.**

Hija ħaġa sabiħa ħafna li almenu darba fis-sena xi wħud jaħsbu fija. Kif tafu tajjeb, il-festi ta' għeluq snini bdew ħafna snin ilu. Fil-bidu n-nies kienu jifhmu u kienu grati għal dak kollu li jien għamilt għalihom, imma daż-żmien donnu ħadd ma jaf għalfejn qed isiru dawn il-festi. Il-familji u l-ħbieb jinġabru u jifirħu flimkien, imma ma jafux it-tifsira ta' din iċ-ċelebrazzjoni.

Niftakar li s-sena l-oħra kien hemm festa kbira f'ġieħi. Il-mejda ta' l-ikel kienet mimlija b'ikel mill-aħjar, ħelu ta' kull xorta, frott, karawett u ċikkulata. It-tiżjin kien mill-aqwa u kien hemm kwantità kbira ta' rigali mgeżwrin sabiħ. Imma trid tkun taf xi ħaġa? Jiena ma kontx mistieden. Kont il-mistieden ta' l-unur u safrattant ma ftakrux jibgħatuli invit. Il-festa kienet għalija, imma meta l-jum il-kbir wasal, tħallejt barra; għalquli l-bieb f'wiċċi... u tant kont nixtieq li naqsam il-mejda magħhom.

Fil-verità din ma kinitx sorpriża għalija għax f'dawn l-aħħar snin ħafna kienu l-bibien li ngħalqu f'wiċċi. Billi ma kontx mistieden, iddeċidejt li nidħol bil-mod, mingħajr ħoss u bqajt f'rokna. Ilkoll kienu qed jixorbu, kien hemm uħud li kienu fis-sakra, jgħidu ċ ċajt u jidħqu b'kollox u b'kulħadd. Kienu qed jieħdu ħafna pjaċir. Biex tagħqad, raġel oħxon u m'għola hawn, liebes kollu aħmar b'baffi twila bajda, daħal fil-kamra jgħajjat Ho-Ho-Ho. Kien jidher fis-sakra wkoll. Intefa' bilqiegħda fuq is-sufan u t-tfal daru miegħu isejħulu Santa Klaus, Santa Klaus, daqs li kieku l-festa kienet f'ġieħu.

F'nofs il-lejl ilkoll bdew jitgħannqu. Jiena ħriġt dirgħajja forsi xiħadd jiftakar fija u jiġi jgħannaqni, imma ħadd ma resaq lejja. Imbagħad beda t-tqassim tar-rigali. Bdew jifthuhom wieħed wieħed, kulħadd bil-ħerqa jara x'qala'. Meta nfetħu kollha jiena ħarist biex nara baqax xi wieħed għalija. Imma ma kienx hemm. X'kont tħoss inti kieku f'għeluq sninek tara lil kulħadd jagħti u jirċievi r-rigali u inti bqajt b'xejn? Dak il-ħin jiena fhimt li ma kontx mixtieq f'din il-festa u tlaqt 'il barra bil-kwiet kollu Kull sena s-sitwazzjoni tkun agħar minn ta' qabel. In-nies tiftakar biss fl-ikel u x-xorb, fir-rigali, fil-festi u ħadd ma jiftakar fija.

Jiena nixtieq li f'dan il-Milied inti tħallini nkun parti minn ħajtek. Nixtieqek tiftakar li kważi elfejn sena ilu jiena twelidt biex tajt ħajti għalik, fuq is-salib, biex nifdik. Illum nixtieq biss li inti temmen dan b'qalbek kollha.

Issa rrid naqsam xi ħaġa miegħek. Billi ħafna ma stednunix għall-festa tagħhom, se nagħmel waħda mill-akbar jiena. Għadni qed nagħmel l-arranġamenti ta' l-aħħar. Illum se nibgħat l-inviti u hemm wieħed għalik. Irrid inkun naf intix biħsiebek tiġi ħalli nkun nista' nirriżervalek post u nikteb ismek bid-deheb fil-ktieb tal-mistednin tiegħi. Dawk biss li jkunu miktubin fuq il-lista jistgħu jiġu għall-festa. Dawk li ma jwiġbux għall-istedina tiegħi, jitħallew barra.

Kun ippreparat biex meta jkolli kollox lest tkun fost il-mistednin tiegħi.

**Narak ma ndumx. Inħobbok.**

**Ġesù**







# L-EWWEL PARTI
# LEJN ĠUSTIZZJA AĦJAR!

**Meta nies li jkunu għaddejja minn kwistjoni legali u jaslu sa l-għatba tal-qorti, l-aktar battuta komuni li tisma' ħierġa minn ħalqhom hija: "Il-qorti, meta tidħol taf, meta toħroġ ma tafx." Id-dibattitu dwar id-dewmien tal-kawżi fil-qrati tagħna huwa antik daqs il-ħarrub.**

Madanakollu din il-kwistjoni llum qed tiġi ttrattata direttament mill-awtoritajiet. Di fatti fl-aħħar ġimgħat ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern abbozz ta' liġi ġdid li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan l-abbozz ta' liġi jifforma parti minn proġett akbar intitolat **"Lejn Ġustizzja Aħjar u Eħfef"**, White paper varata mill-Ministeru tal-Ġustizzja u Intern fl-2005.

Is-sinjali huma aktar minn ċari. Il-ministeru, aktar aktar is-segretarjat tiegħu, huma kommessi mija fil-mija sabiex jintroduċu miżuri ġodda li jagħmlu s-sistema ġudizzjarja aktar effiċjenti. U bħal ċiklun is-segretarju parlamentari għall-Ġustizzja u Intern qed jirriforma l-liġi proċedurali Maltija ta' taħt fuq. Fl-għajn taċ-ċiklun hemm il-famużi statistiċi u listi ta' kawżi pendenti li f'kull diskors uffiċjali dejjem jiġu kkwotati qishom il-ħmar il-lejl ta' l-awtoritajiet.

Skond l-aħħar stqarrija tas-segretarjat, il-bulettin ta' l-istatistika jidher li qabad it-triq it-tajba. Ġie rrapurtat tnaqqis sostanzjali. Bħala eżempju, f'Awissu tas-sena l-oħra, qabel daħlu fis-seħħ ċerti miżuri (li se jiġu ttrattati aktar 'il quddiem fl-artiklu li jmiss), fil-qrati tal-Maġistrati kellna 1,578 każ pendenti. Din is-sena kellna 1,335. Fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar, minn 2,339 li kellna s-sena l-oħra, din is-sena niżlu għal 1,434 kawża pendenti. Prima face dawn ir-riżultati għandhom żgur jintlaqgħu b'applaws. It-tkaxkir tas-saqajn fis-sistema ġudizjarja m'għandux jiġi nkoraġġut bl-ebda mod.

L-operaturi legali kollha jridu japprezzaw li qed nagħtu servizz lill-pubbliku u dan għandu jirrifletti ż-żminijiet moderni fejn time is money. Il-pubbliku għandu bżonn jibni l-fiduċja li mill-qorti tinqeda! Aktar ma jikber dan il-konvinċiment aktar jitkattar ix-xogħol għall-operaturi legali billi l-pubbiku jfittex jinqeda aktar mis-servizzi legali kollha.

Però l-istatistiċi m'humiex Evanġelju. U wara li tgħaddi s-sakra tagħhom għandha ssir riflessjoni approfondita dwar xi jsarfu verament ċerti emendi implimentati u x'effetti se joħolqu l-proposti l-ġodda. Huwa tajjeb ħafna li d-dewmien fil-kawżi qed tingħata importanza massima, għax din tolqot direttament il-klijenti tas-sistema ġudizzjarja: il-pubbliku Malti. Madanakollu l-awtoritajiet iridu japprezzaw ukoll battuta oħra komuni li tisma' ħierġa minnħalq in-nies li jiġu kostretti jmorru l-qorti li hija: **"Il-qorti tidħol meta jkollok tort biss u mhux meta jkollok raġun."** Battuta sarkastika u skerzuża li però hija sintomatika ta' sentiment popolari.

In-nies ifittxu li jinqdew malajr mill-qorti però aktar minn hekk jippretendu l-ħaqq. Fl-artiklu li jmiss nagħtu ħarsa lejn xi proposti u emendi ġodda u kif dawn jibbilanċjaw bejn ġustizzja effiċenti u ġustizzja tajba. •



# ŻJARA LI ĦALLIET ĦAFNA FROTT.

**"Il-Maltin ġew u marru". Dan huwa l-kliem li bħalissa tisma' fuq fomm in-nies membri tal-komunità parrokkjali ta' Sant'Anna f'Kuba.**

Bejn il-31 t'Awissu u d-9 ta' Settembru grupp ta' tnax-il persuna flimkien mal-kappillan tagħhom Dun Martin Micallef, membri tal-komunità parrokkjali ta' Sant'Anna f'Wied il-Għajn, wettqu żjara bi spirtu missjunarju fil-parroċċa ta' Sant'Anna, fid-Djoċesi ta' Santa Klara, f'Kuba. Ħolma li saret realtà.

Il-parroċċa ta' Sant'Anna f'Wied il-Għajn għandha l-impenn li bi spirtu missjunarju u quddiem il-ħtiġijiet tal-Knisja universali tgħin lill-parroċċa li hija wkoll ddedikata lil Santa Anna, f'art missjunarja eżattament f'Kuba. Bejn il-komunità parrokkajli ta' Sant'Anna f'Wied il-Għajn u dik ta' Kuba daqs madwar ħames snin ilu, kappillan Dun Anton Cassar kien ħoloq ġemellaġġ ta' għajnuna reċiproka. Filwaqt li l-parroċċa ta' Wied il Għajn toffri l għajnuna meħtieġa f'talb, sagrifiċċji u ħtiġijiet materjali, dik ta' Sant'Anna f'Kuba toffri it-talb u sagrifiċċji għall-bżonnijiet spiritwali u materjali tal-parruċċani kollha ta' Marsaskala. Għal dan il-għan fil-parroċċa ta' Wied il-Għajn inħolqot kummissjoni missjunarja bil għan li tanima u tkattar l ispirtu missjunarju fost il-membri ta' din il-komunità.

Il-ħolma li grupp mill-parroċċa ta' Wied il-Għajn jiġu jżuru l-parroċċa li addottaw f'Kuba twieldet madwar tliet snin ilu. Kien hemm min qal li n-nies ta' Marsaskala qed jaraw kbir. Però bl-impenn tal-Kappillan Dun Martin Micallef u t-tħabrik perseveranti tal-koppja responsabbli mill-kummissjoni missjunarja, Manwel u martu Mary Schembri, dik li kienet ħolma llum saret realtà.

Il-grupp wasal fl-ajruport ta' La Habana nhar il-Ħamis, 31 t'Awissu fl-4pm. Iltaqgħu ma' ntopp mhux mistenni. Billi kellhom ħafna bagalji għax ġabu magħhom madwar 16 il-bagalja mimlija b'donazzjonijiet għan-nies fil-bżonn, dawn il-bagalji ġew miżmuma mill-awtoritajiet. Però l-id ta' Alla, speċjalment fejn wieħed ikun qed jagħmel il-ġid, hija kbira. Bl-intervent tal-ħabib tagħna Mons. Antione Camilleri, Segretarju tan-Nunzju Apostoliku f'Kuba, fi żmien jumejn dawn il-bagalji tħallew joħorġu u b'hekk il-grupp li ġew minn Malta sabiex jgħinu u jferrħu lin-nies fil-bżonn setgħu jqassmu diversi oġġetti u jaraw b'għajnejhom il-ferħ ta' ħafna tfal, anzjani u morda jilqgħu f'idejhom ir-rigali mogħtija.

Matul id-disat ijiem li l-ħbieb u benefatturi tagħna għaddew magħna fil-parroċċa ta' Sant'Anna f'Kuba kellhom programm mimli daqs bajda. Huma ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali tal-parroċċa speċjalment il-quddiesa tat-tfal u adolexxenti li ssir kull nhar ta' Sibt u l-quddiesa parrokkjali tal-Ħadd. Huma żaru tlieta mill-għaxar *"Mission stations"* li l-parroċċa ta' Sant'Anna għandha. Il-parroċċa ta' Sant'Anna f'Kuba ħadet ħsieb torganizza żewġ attivitajiet, waħda ta' merħba nhar il-Gimgħa, 1 ta' Settembru u l-oħra ta' tislima nhar il-Ħamis, 7 ta' Settembru fejn fl-ewwel waħda ġie ppreparat ikel







Kuban u fit-tieni waħda ikel Malti. Matul dawn iż-żewġ attivitajiet ġew reċiprokati diskorsi u rigali bejn iż-żewġ parroċċi. Attività ferm importanti li għaliha attendew il-membri kollha tal-grupp Malti kienet il-festa tal-Madonna: **"La Virgen de la Caridad del Cobre"**, patruna ta' Kuba li ġiet iċċelebrata nhar il-Gimgħa, 8 ta' Settembru, meta aħna f'Malta niċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina. Huma ħadu sehem fil-quddiesa solenni mmexxija mill-Isqof ta' Santa Klara Mons. Arturo González Amador u wkoll fil-purċissjoni li saret matul it-toroq ta' Santa Klara. Matul il-ġranet taż-żjara tagħhom, ħutna l-Maltin setgħu ukoll iżuru monumenti, postijiet storiċi, xtajtiet flimkien mal-muntanji, ix-xmajjar u l-widien sbieħ li l-art Kubana tippossiedi.

Kienet esperjenza li ħalliet ħafna ġid. Inħolqot ħbiberija profonda bejn iż-żewġ parroċċi. Il-membri tal-grupp Malti daħlu fil-qlub tal-Kubani u nbniet relazzjoni ta' ħbiberija u mħabba. Issa sirna nafu aktar lil xulxin. Il-Maltin għaddew disat ijiem ta' esperjenża fejn kellhom l-opportunità li jaraw ix-xogħol li qed nagħmlu hawnhekk, il-ħtigijiet kbar li jeżistu fuq kull livell, l-istrateġija li nużaw fil-ħidmiet pastorali tagħna maħkuma minn gvern li jrid jikkontrolla l-pastorali tal-Knisja. Il-Maltin kellhom l-opportunità li jitkellmu mal-Kubani, li jkantaw u jiżfnu magħhom, li jibku u jidħku magħhom, li magħhom jitolbu u jfaħħru lil Alla, li magħhom iħossuhom komunità – Knisja waħda u fidi waħda.

Il-flus li ntefqu biex seħħet din iż-żjara missjunarja minn grupp ta' parruċċani flimkien mal-kappillan tagħhom minn Wied il-Għajn kienu flus minfuqa tajjeb għax permezz ta' din l-inizjattiva sar ġid li mhux faċli jiġi kkalkulat. Ġid kbir sar lin-nies tal-parroċċa ta' Sant'Anna f'Kuba meta raw li m'humiex abbandunati, imma hemm xiħadd li qed jitlob għalihom, qed jaħseb fihom, qed jgħinhom u jħobbhom. Sar ġid kbir lill-membri tal-grupp Malti bl-esperjenza li għadda minnha, li kif qalu wħud minnhom: **"Ġejna hawnhekk sabiex nagħtu, imma aktar ħadna milli tajna"**.

Jalla esperjenzi bħal dawn, akkost is-sagrifiċċji u l-impenn li jitolbu, jkomplu jseħħu bi spirtu missjunarju u sabiex inħossuna aktar qrib xulxin bħala Knisja waħda. Jalla aktar parroċċi jimitaw dak li għamlet u qed tagħmel il-parroċċa ta' Marsaskala bil-għan li fl-istess parroċċa jikber l-ispirtu missjunarju u s-sens universali tal-Knisja - u b'hekk il-parroċċa tieħu attitudni pożittiva fejn toħroġ minnha nfisha u tibda tħares 'il bogħod mit-territorju tagħha, **"lil hemm mix-xtut ta' gżiritna"**, billi tinvesti aktar talb, sagrifiċċji u għajnuniet materajli f'partijiet tal-Knisja li jinsabu fi bżonn kbir. U dan isir mhux biss darba fis-sena, nhar il-Ġurnata Missjuanrja, imma matul is-sena kollha.

Prosit tassew lill-parroċċa ta' Wied il-Għajn. Grazzi lil kull min għen sabiex din il-ħolma saret realtà. Jalla tiġi ripetuta. Kuraġġ! •



# qatt ma ħlomt li nsir reliġjuża

Dħalt mas-Sorijiet Klarissi f'Awissu ta' l-1985. Niddeskrivi l-esperjenza vokazzjonali tiegħi bħala storja ta' mħabba mibdija mill-Mulej Ġesù. Kienet mixja spiritwali gradwali li fiha kien hemm mhux "IVA" waħda, imma ħafna tweġibiet ta' mħabba għas-sejħat li Ġesù jagħmlilna kuljum. Dawn is-sejħat ilestuk biex tilqa' l-mument ta' grazzja straordinarja bħalma hi s-sejħa għall-ħajja kkonsagrata.

Jiena trabbejt f'familja nisranija eżemplari. Gawdejt l-imħabba bla ma tgħejja tal-ġenituri u nibqa' ngħożż u napprezza għal dejjem il-ħafna sagrifiċċji li għamlu għalija u għal ħuti biex rabbewna u tawna edukazzjoni tajba. Sa minn ċkuniti kont membru ta' l-Azzjoni Kattolika u attiva fil-parroċċa, imma qatt ma ħlomt li nsir reliġjuża. Kont inħobb l-iskola u xtaqt insir għalliema u x-xewqa tiegħi twettqet għax wara li ħadt il-Baċċellerat fix-Xjenza u ċ-ċertifikat ta' għalliema, domt 10 snin ngħallem il-fiżika fil-Junior Lyceum. Kelli paga tajba u ħafna vaganzi, imma għalija x-xogħol kien ukoll vokazzjoni. Barra dan, wara l-iskola kont ningħata għall-appostolat max-xebbiet ta' l-Azzjoni Kattolika, maż-żgħażagħ ġuvintur u xebbiet tal-parroċċa u bħala ministru straordinarju ta' l-Ewkaristija nhar ta' Ħadd fit-tqarbin ta' l-anzjani morda fid-djar.

Imma l-ħajja spiritwali personali tiegħi rabbiet għeruq aktar fil-fond bil-laqgħat ta' talb kariżmatiku li fihom kont nieħu sehem darba fil-ġimgħa. Fit-talb iltqajt ma' Ġesù u sirt nafu b'mod ħaj u personali. Indunajt bl-imħabba ta' l-għaġeb li għandu għalija. Lili jħobbni b'mod uniku. Jiena prezzjuża f'għajnejh. Permezz ta' movimenti oħra ġodda li dik il-ħabta dehru fuq ix-xefaq tal-Knisja lokali irċevejt aktar grazzji u ftit ftit ħajti bdiet tinbidel u sirt infittex aktar kif nagħti pjaċir lil Ġesù. Fis-sajf, il-baħar u s-safar kienu l-għaxqa tiegħi. Imma wasal żmien meta bdejt niddedika parti sewwa mill-vaganzi f'ħidma volontarja ma' żgħażagħ oħra f'għajnuna lis-Sorijiet Missjunarji tal-Karità f'Palermo.



Fl-1983-84 il-Knisja mad-dinja kollha ċċelebrat is-Sena tal-Fidwa. Kienet sena ta' grazzji speċjali għall-poplu kollu ta' Alla u lili Alla għoġbu jżejjinni bi grazzja mhux tas-soltu. Kont qed nagħmel 'Life in the Spirit Seminar' u f'dan iż-żmien ta' talb u riflessjoni laqtitni bħal sajjetta fil-bnazzi s-sejħa għall-ħajja kontemplattiva. Is-sejħa kienet ċara u qawwija u ma stajtx ma nagħtix kasha. Mhux faċli tirrinunzja għal ċerta libertà personali, tħalli l-familja, il-ħbieb, il-karozza li ma kontx ilni wisq li xtrajt, id-dinja li kont naf għall-oħra ġdida u misterjuża. Imma kif jgħidu, l-imħabba hi għamja u miġnuna. U l-imħabba tal-Mulej tiġbdek bħal kalamità qawwija, tqawwik fil-fidi u fit-tama u tgħinek tegħleb kull ostaklu. Domt nitlob u naħsibha sena u nofs li fihom ftaħt qalbi ma' ħabiba spiritwali, ħadt direzzjoni spiritwali u tkellimt mal-Madre u l-Maestra tan-novizzi tal-Klarissi. Imbagħad għamilt il-pass fid-dlam tal-fidi u dħalt fil-monasteru. Hawn sibt ferħ, paċi u serħan imdawra b'familja ġdida u ħanina magħquda fis-skiet ta' l-imħabba ta' l-aħwa. Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar nintebaħ kemm il-vokazzjoni hi rigal kbir u prezzjuż għalija personalment, rigal li qed ifawwar ukoll grazzja u barka fuq dawk li ħabbejt u għadni nħobb: il-familja, il-parroċċa, il-Knisja u fuq id-dinja kollha.

Il-jum tal-Professjoni Solenni kien il-jum memorabbli ta' ferħ u paċi bla qies. Dak in-nhar intrabat għal dejjem f'rabta ta' mħabba mal-Mulej u b'simbolu ta' dan tlibbist iċ-ċurkett ta' l-alleanza. Jien issa għarusa tal-Mulej Ġesù. Hu l-għarus tiegħi, dejjem fidil. Ma nistax infisser il-ferħ profond ta' din ir-realtà sabiħa.

Jum wara jum inġedded l-'IVA' tiegħi lil Alla u nduq it-tjieba tiegħu billi ngħodos fil-baħar ta' mħabbtu. Hemm nikkontempla l-maħbub mislub li jibqa' jgħallimni kif inħobb. Mill-qalba tal-Knisja nħossni f'solidarjetà mal-bnedmin kollha u nkanta dejjem tifħir u radd ta' ħajr lill-Mulej. •

# KARIŻMA FRANĠISKANA
# L-EWKARISTIJA: DEWQA TA' L-ETERNITÀ



## VIŻJONI EWKARISTIKA ORIĠINALI

L-ewwel fost it-28 Twissijiet (grupp ta' diskorsi ndirizzati lil Aħwa ) fiha xejra ta' viżjoni kollha kemm hi Ewkaristika u għal kollox oriġinali. Franġisku jibda dit-Twissija b'kundanna għal dawk li f'ħajjithom raw lil Kristu u baqgħu ma emmnux fid-divinità tiegħu u b'kundanna oħra għal dawk li ma jemmnux li l-ħobż u l-inbid



ikkonsagrati bil-qawwa ta' kliem il-Mulej fuq l-altar f'idejn is-saċerdot huma tabilħaqq il-ġisem u d-demm tal-Mulej Ġesù. **"Għalhekk, intom bnedmin, kemm se ddumu twebbsu qalbkom"** (Salm 1:3). Araw, jaħasra, hu jumilja ruħu kuljum bħal meta niżel mis-sema u ġie jgħammar f'ġuf ta' verġni. Minn ħdan il-Missier hu jinżel kuljum fuq l-altar f'idejn is-saċerdot. Kif hu deher fil-ġisem lill-Appostli u huma għalkemm raw biss ġismu emmnu li kien Alla, hekk ukoll aħna li bil-għajnejn tal-ġisem naraw ħobż u nbid materjali, għandna bl-għajnejn tal-fidi nikkonkludu u nemmnu li dawn li speċi ewkaristiċi jinbidlu fil-ġisem u d-demm l-aktar qaddisa ta' Ġesù. Għandna l-istqarrija tiegħu nnifsu: **"Araw, jiena dejjem magħkom sa l-aħħar taż-żmien"** (Mt 28:20). X'irridu iżjed biex nemmnu? Kliemu hu aqwa mill-aqwa argument teoloġiku. •



# KWAŻI DRAW: 50/50

# "Il-Frott ta' l-Ewkaristija fil-Ħajja Tagħna ta' Kuljum"



**Hafna drabi l-istatistika taghmel il-hoss u taghti anki ċans ghal hafna interpretazzjonijiet u kawżi li jkunu jispjegaw – almenu skond l-individwu li jkun jitkellem – ir-raġunijiet veri ta' dak li jkun inkixef mill-istatistika.**

Dan l-ahhar kien hawn ċensiment ta' l-attendenza Maltija ghall-Quddiesa tal-Hadd. Dan diġà sar drabi ohra u jidher li dejjem hemm riżultati li ma jistghux ma jġaghlux wiehed jithasseb. Jidher li kien hawn interess kbir bhala indikazzjoni ta' fejn sejra il-fidi fil-ħajja ta' llum. Din hija ħaġa tajba, ta' interess ġenwin u f'waqtu.

Faċli li nipparagunaw ruħna ma' pajjiżi ta' madwarna u "nikkonslaw" li ghadu numru qawwi li jattendi l-quddiesa, però ma jistax wiehed ma jarax ukoll il-perċentwal ta' dawk li ma jħossux il-bżonn ta' l-Ewkaristija u t-talb magħqud mal-ġemgħa tal-fidili.






Dan ma jistax iħallina indifferenti lejn il-ħajja spiritwali ta' dawn ħutna... m'humiex numri!!! Dawn ukoll kienu fil-passat, forsi anki reċenti, jattednu għall-quddiesa, però ma kinux jaraw u jħossu r-relazzjoni bejn l-Ewkaristija li għaliha kienu jattednu u forsi anki jirċievu, mal-vokazzjoni tagħhom fil-ħajja ta' kuljum. Dak li ma jagħtix riżultat... twarrbu fil-ġenb ma' l-ewwel okkażjoni li jkollok u timla l-vojt b'xi ħaġa oħra "iżjed utli għall-ħajja".

Nilgħab bin-numri! Jekk il-50 fil-mija li jmorru l-knisja jġibu persuna oħra magħhom nilħqu l-mija fil-mija... u kulħadd ikun kuntent u m'hemmx iżjed problemi. Forsi!

Però dawn huma numri u l-bnedmin huma persuni liberi, konvinti jew le mill-fidi tagħhom u l-valuri Nsara. Dawn huma Nsara li kienu jmorru l-quddies u li ħafna minnhom għadhom iħossuhom li għandhom 'l Alla magħhom... almenu kultant u f'xi bżonn kbir tal-ħajja. Il-fidi għadha hemm, però ma rawx ir-riżultat ta' din il-fidi fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Bil-mod il-mod il-fidi tpoġġiet fil-gwardarobba bħala libsa sabiħa u tajba u mhux ta' min jarmiha, però li tintlibes għal xi okkażjoni speċjali... u tinżagħha kemm jista' jkun malajr. Hemm affarijiet oħra fil-ħajja li jagħtu riżultati u dawn anki mmedjat.

Ċert li hemm ħafna fatturi li jmexxu lejn l-indifferenza tal-fidi: il-materjaliżmu, il-vanità, biża' mis-sagrifiċċju, soluzzjonijiet faċli u ta' malajr għal kull problema, irrid nikkontrolla l-ħajja tiegħi b'mod assolut u 'l bogħod minn kull ħallieq, u ħafna raġunijiet oħra speċjalment nuqqas ta' tagħrif veru dwar il-fidi.

Filwaqt li dan huwa veru, però wieħed jrid jagħmel riflessjoni iżjed personali. Wieħed irid jistaqsi lilu innifsu jekk qattx kien hemm fil-ħajja tal-fidi tiegħu l-"vera laqgħa personali ma' Kristu - Jekk Kristu qattx kien "ħajja vera" u persuna ħabiba konkreta" li tagħti l-veru sinifikat ta' l-istess eżistenza tiegħu. Laqgħa ta' darba, imma vera u personali ma' Kristu, tbiddel il-persuna darba għal dejjem u tagħniha bl-ispirtu li ma jerġax lura. U dan jgħodd anki għal dawk li għadhom imorru regolament għall-quddiesa. Jekk le anki dan in-numru huwa iddestinat li jibqa' jonqos fiċ-ċensimenti futuri.

Il-bniedem irid jara r-riżultat ta' dak li jemmen fih, irid jara konnessjoni bejn l-Ewkaristija u l-ħajja ta' kuljum. Irid jara l-ġemgħa tal-fidili li titlob flimkien tgħix ukoll ta' Aħwa flimkien. Jekk le l-quddiesa hija "reċta fuq palk" fejn wieħed jissodisfa "drawwa ereditata", però bla ħajja u barra minn żmienha; il-laqgħa tal-ġemgħa li titlob flimkien tkun biss okkażjoni biex tiltaqa', issellem, tattendi għall-kunċert tajjeb jekk il-kor ikun sodisfaċenti.

Hija ħaġa ferm tajba u f'postha li l-50% li jmorru l-knisja jinteressaw ruħhom u jitolbu bil-karità kollha għall-50% l-oħra, però l-aqwa kontribut ta' l-aħwa li nistgħu nagħtu lil xulxin huwa li ngħixu u nuru fil-beraħ u bis-sincerità **l-frott ta' l-Ewkaristija fil-ħajja tagħna ta' kuljum**.

In-numru ma jibqax jonqos u l-Fidi tissaħħaħ f'kulħadd bil-fatti veri. •



## INĦOBB L-ISTEJJER
# GĦIN KEMM TISTA'

Dale Carnegie, barra li hu awtur kbir, hu bniedem ta' karita' kbira. Darba staqsewh, **"Int kif dejjem tagħti l-karità u dejjem tmur il-quddiem minflok lura?"** Hu rrisponda, **"Jien ninpala 'l barra; Alla jimpala l-ġewwa. U nzerta li l-pala t'Alla hi ikbar."**

# EMMEN JEKK TRID

Siltiet minn artiklu meħud mit-TIME Magazine tad-9 t'Ottubru 2006

Id-dibattitu bejn il-Papa u xi Musulmani għandu tifsira iktar profonda li l Ewropa qed tipprova tiddeċiedi jekk il-futur tagħha għandux jitmexxa mill-valuri nsara jew mill-istituzzjonijiet sekulari.

Meta Ammar Alkassar, emigrant mis-Sirja u xjenzjat tal-kompjuter ta' 30 sena minn Aachen fil-Ġermanja, xi snin ilu ried joħroġ ma' partit politiku, eżamina l-partiti kollha. Il-Ħodor ma għoġbuhx u lanqas is-Soċjal Demokratiċi. Il-partit ta' l-Unjoni Demokratiċi Nsara (CDU) ma kienx iħares sabiħ lejn l-immigrazzjoni u kien kontra li t-Turkija tifforma parti mill-Unjoni Ewropea. Safrattant Alkassar iddeċieda li s-CDU **"għandu veduti bażiċi li huma bħal tiegħi"**. Dawn il-veduti nsara tal-partit mhumiex eżattament dawk ta' Alkassar li huwa Musulman. Iżda għalih u għal ħafna bħalu din kienet l-aħjar għażla għax jippreferixxu partit konservattiv Nisrani milli wieħed sekular. **"Jiena nemmen fl-importanza t'Alla u tat-twemmin,"** spiċċa jgħid Alkassar li llum huwa kunsillier għas-CDU fil-belt ta' Homburg.

Din l-insistenza lı r-relıġjon – tkun xi tkun – għandha jkollha post fil-politika qed tidwi ma' l-Ewropa kollha. Wara snin sħaħ ta' sekulariżmu dejjem jikber u attendenza fil-knejjes dejjem tonqos, ir-reliġjon issa reġgħet qed tkun lura fuq l-aġenda politika ta' l-Ewropa. It-terroriżmu Musulman u t-tama tat-Turkija li tkun fl-UE qed iġagħlu lill-politiċi minn Vjenna sa The Hague jiddikjaraw l-identità nisranija tagħhom. Il-Papa Benedittu XVI qed jagħmel il-ġlieda kontra s-sekulariżmu l-marka distintiva tal-papat tiegħu. Nicolas Sarkozy, li qed jaspira li jkun il-President il-ġdid ta' Franza, kiteb li Franza għandha mnejn terġa' tikkonsidra li tagħti għajnuna finanzjarja lill-istituzzjonijiet reliġjużi. **"Spiċċa ż-żmien li nkomplu nwarrbu lil Alla mill-politika,"** tgħid Jytte Klausen, ix-xjenzjata politiku Daniża u awtriċi ta' The Islamic Challenge. **"Il-politika Ewropea m'għadhiex iżjed żona bla reliġjon."** Il-ġlieda li ilha ma tidher snin sħaħ mhix bilfors bejn l-Insara u l-Musulmani, iżda bejn l-Ewropej sekulari u n-nies li jemmnu. U din il-ġlieda tista' tiddeċiedi l-futur ta' l-istat Ewropew.

L-Ewropa moderna nibtet f'ħamrija sekulari. It-tradizzjoni ta' Voltaire u l-kittieba tas-seklu 18 taw importanza kbira lill-istudju ta' l-umanità (li l-problemi umani jiġu solvuti b'mezzi umani milli b'mezzi divini) u ħafna partiti soċjalisti kienu antiklerikali għall-aħħar. Fil-bidu tas-seklu 20 Franza ħarġet digriet dwar is-separazzjoni tal-knisja u l-istat u l-Papa Piju X lmenta li **"Alla kien tkeċċa mill-ħajja pubblika"**. Attentati minn gvernijiet militari fis-seklu 20, bħal dak ta' Francisco Franco fi Spanja, li jħalltu 'l Alla mal-patrijottiżmu, servew biex iżidu s-suspetti ta' l-Ewropej lejn ir-reliġjon. Wara s-sittinijiet u s-sebgħinijiet is-sekulariżmu kien sar parti ċentrali mill-Ewropa tal-punent, tant li anki mexxejja Insara bħal Tony Blair qagħdu attenti ħafna biex ma jiddikjarawx ir-reliġjon tagħhom fil-pubbliku. Fl-istess






ħin l-attendenza fil-knejjes baqgħet dejjem tidgħajjef. Sa l-aħħar tad-disgħinijiet, 15% biss mill-Ewropej qalu li baqgħu jmorru l-knisja kull ġimgħa. U l-kostituzzjoni ta' l-UE ġiet iffinalizzata fl-2004 mingħajr ma ssemma' l-isem ta' Alla jew il-valuri Nsara. Illum it-tnaqqis tar-reliġjon u l-avvanz tas-sekulariżmu jridu jerġgħu jkunu eżaminati. L-immigrazzjoni lejn l-Ewropa minn pajjiżi Musulmani ħolqot dibattitu ġdid dwar il-post tar-reliġjon fil-ħajja pubblika. Madwar 18-il miljun Musulman qed jgħixu fl-Ewropa tal-punent meta wara t-tieni gwerra dinjija kien hawn inqas minn miljun. Għall-ewwel huma kienu kuntenti li jħallu r-reliġjon tagħhom fil-pajjiż minfejn ġew, iżda dawk ta' warajhom iridu l-moskea tagħhom u jistennew li l-istat jirrispetta t-tradizzjonijiet kollha tagħhom.Qed jidhru ħafna kotba li jattakkaw din l-insistenza u jwissu li t-tradizzjonijiet antiki ta' l-Ewropa qegħdin f'riskju kbir. F'*While Europe Slept: How Radical Islam is Destroying the West from Within,* Bruce Bawer jgħid li l-Ewropa ddgħajfet, hi mingħajr direzzjoni u tinsab attakkata minn Musulmani estremisti u intolleranti. F'Islamists and the Naïve, Karen Jespersen tikteb li t-theddida tal-fundamentaliżmu Musulman tas-seklu 21 titqabbel maż-żewġ saħtiet tan-Naziżmu u l-kommuniżmu. L-intellettwali xellugin madwar l-Ewropa huma maqsumin dwar dan il-periklu tal-fundamentalisti Musulmani. Min hu favur integrazzjoni multikulturali u min jara theddida għall-valuri liberali. Flimkien ma' partiti ksenofobiċi tal-lemin, bħal-Lega Nord ta' l-Italja, qed titfaċċa alleanza stramba. L-Olandiż Pim Fortuyn, li ġie maqtul fl-2002, kien jammetti li huwa omosesswali u oppona l-immigrazzjoni għax kien jibża' għall-mod liberali tal-ħajja fl-Olanda. Iżda darba kiser it-tabù, il-kawża tiegħu ġiet aċċettata mill-konservattivi madwar l-Ewropa.

It-terroriżmu f'isem l-Islam – f'Madrid, f'Londra u postijiet oħra – kompla ħarrax il-mibegħda fid-dibattitu. Ġranet biss wara li nkixfet il-konfoffa biex jesplodu l-ajruplani fuq l-Atlantiku, il-mexxejja Musulmani wżaw din l-attenzjoni fuq il-komunitajiet tagħhom biex jitolbu għal miżuri aħjar ħalli jħossuhom iktar komdi. 38 grupp Musulman u 6 politiċi kitbu lill-Prim Ministru Ingliż biex **"il-gvern ibiddel il-politika barranija biex juri lid-dinja li aħna għandna rispett lejn il-ħajja tan-nies ċivili ta' kull pajjiż u ta' kull reliġjon"**. Is-segretarju tal-Home Office Ingliż, John Reid, sejjaħ din l-ittra bħala **"ġudizzju żbaljat tal-biża'"**.

L-istampa fl-Ewropa qed titbiddel mhux biss minħabba l-Musulmani. Il-kontroversji li nqalgħu dan l-aħħar qanqlu mistoqsijiet iktar serji dwar xi tfisser li tkun Ewropew u b'hekk reġgħet tfaċċat il-ġlieda bejn il-valuri Nsara u dawk sekulari. Il-parlament Spanjol illegalizza ż-żwiġijiet bejn l-omosesswali anki jekk il-Vatikan wera d-disapprovazzjoni tiegħu, waqt li kien hemm oġġezzjoni kontra Rocco Buttiglione ta' l-Italja meta stqarr li l-omosesswalità huwa dnub. Fl-Ewropa sekulari tal-punent il-Kattoliċi spiss iħossuhom vittmi. Il-Papa Benedittu XVI dan l-aħħar qal, **"Fid-dinja tal-punent ta' llum qed naraw mewġa ta' tidwil (enlightenment) drastiku ġdid. Qed ikun dejjem iktar diffiċli li temmen."** Iżda f'partijiet ta' l-Ewropa tal-lvant il-politiċi reliġjużi qed jitolbu li t-twemmin tradizzjonali jittieħed bis-serjetà fil-qasam politiku. Għalkemm l-Insara qed jitolbu rispett soċjali u politiku għat-twemmin tagħhom, huwa l-Islam li qed joħloq dibattitu ġdid bejn ir-reliġjon u s-sekulariżmu. Dan jinħass l-iktar fit-Turkija fejn għal dawn l-aħħar 80 sena r-reliġjon kienet meqjusa bħala impediment għall-progress u lanqas biss seta' jkun hemm riferenzi għall-Islam fis-sistema edukattiva. Il-gvern preżenti huwa konservattiv u jixtieq ibiddel ċerti użanzi tant li waħda mir-raġunijiet għaliex jixtieq jidħol fl-UE hija li t-tradizzjonijiet liberali ta' l-Ewropa jwiegħdu l-protezzjoni li l-Musulmani m'għandhomx. Fl-elezzjonijiet tas-sena d-dieħla hija mistennija konfrontazzjoni dwar il-kostituzzjoni sekulari.

L-Ewropa qatt ma kienet soċjetà kompletament sekulari. Issa qed jinħass il-bżonn li l-Ewropa tal-punent issib modi kif it-tradizzjonijiet sekulari jistgħu jgħixu flimkien mhux biss mar-reliġjonijiet tradizzjonali tal-Kontinent, imma ma' dawk li ġew lura 500 sena wara r-reconquista. L-Islam daħal fl-Ewropa biex jibqa'. M'hemmx sfida iktar urġenti għall-ġenerazzjoni ta' warajna milli dik li jirrikonċiljaw il-prattika tagħhom ma' l-aħjar tradizzjoni umanista tal-Kontinent l-antik. •



# ĦOLMA LI SARET REALTÀ!

Fil-bidu kienet biss ħolma; ħolma fil-veru sens tal-kelma. Iva, darba fost l-oħrajn ħlomt bil-Kenja u nista' ngħid li minn dak in-nhar il-ħsieb li xi darba mmur f'dan il-pajjiż ma telaqnix.

Minn dejjem kont nammira lil dawk li jmorru l-Missjoni biex joffru l-għajnuna tagħhom. Minn dejjem xtaqt niskopri xi tfisser esperjenza bħal din. Imma fuq kollox kont nistaqsi lili nnifsi, kif fir-rakkont ta' kull waħda minn dawn il-persuni dejjem kont nisma' l-istess frażi, **"...irċevejt ħafna iktar milli tajt!"** Ma kontx inkun nista' nifhem kif dan seta' jseħħ fil-verità. Imma llum il-ġurnata nista' ngħid li dan kollu huwa minnu u li l-esperjenza li għext kienet fost l-isbaħ ta' ħajti.

Inqis ruħi bħala persuna fortunata peress li kelli l-opportunità li nagħmel din l-esperjenza flimkien ma' Marisa, waħda mill-aktar ħbieb antiki tiegħi. Din kienet għaliha t-tielet darba li marret il-Kenja, fir-raħal ta' Nakuru, għalhekk diġà kienet familjari sew mal-post. Parti kbira mill-ħin tagħna konna nqattgħuh f'żewġ orfanatrofji li kienu jinsabu fl-istess raħal. Filwaqt li konna ngħinu fix-xogħol ta' kuljum, bħall-ħasil tat-trabi, tindif u faċendi oħra, konna nqattgħu ħafna ħin fil-kumpanija tat-tfal. Jiena stess ma stajtx nemmen kif f'qasir żmien kont diġà rbatt dawn il-persuni ma' qalbi. Hija ħaġa ta' l-għaġeb kif minkejja l-faqar tagħhom, għandhom tant x'jagħtu. Xi ħaġa li kienet tolqotni ħafna fihom hija t-tbissima li ma kienet tonqos qatt minn fuq fommhom. Għalkemm konna nieħdu magħna ħafna rigali, bdejt ninduna li dak li konna qed nirċievu aħna kellu valur ikbar. L-imħabba sinċiera tagħhom kienet aqwa minn kull rigal.

Din l-esperjenza kienet waħda qawwija mhux biss fuq livell uman imma wkoll fuq livell spiritwali. Il-fidi li jħaddnu wħud minn dawk li ltqajna magħhom, iġġiegħlek tirrifletti sew. Għadni nġib quddiem għajnejja dawk id-drabi fejn morna nżuru xi familji fil bżonn li minkejja li jgħixu fil faqar tismagħhom jitolbu u jirringrazzjaw lil Alla. Niftakar f'Janet, tfajla marida bl-aids, tirċievi l-ewkaristija fuq is-sodda tal-mewt, bil-Bibbja maġenbha. U nibqa' nistagħġeb kif dawn in-nies jibqgħu sħaħ fil-fidi tagħhom minkejja kollox.

Għalhekk nibqa' nqis din l-esperjenza bħala waħda li tagħmilli ħafna kuraġġ; esperjenza li nibqa' ngħożż f'qalbi, għaliex urietni kif l-aktar valuri importanti jsibu l-qofol tagħhom fl-imħabba. **"Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom l-imħabba."** (1Kor 14:13) •



# It-Tarka u x-Xabla



## U HU WIEHED TA' L-AHHAR...

**Wieħed mill-modi l-iktar komuni ta' kif jissoċjalizza l-bniedem huwa li jaqsam l-ikel u x-xorb flimkien. Instabet evidenza li xi forma ta' xorb alkoħoliku kien jiġi prodott u kkonsmat fiż-żmien Nejolitiku, xi 10,000 sena qabel Kristu (QK). L-ewwel ġiet il-birra u wara l-inbid, li jidher fuq tpinġijiet Eġizzjani sa mill-4,000 sena QK.**

Fil-qedem l-alkoħol kellu rwol varjat fis-soċjetà. Kien hemm dak soċjali fejn l-alkoħol barra li kien sors ta' nutrient, kien ukoll jgħin sabiex persuna tħossha iktar rilassata u libera li tissoċjalizza. Kien hemm ukoll rwol fir-reliġjon u l-qima lejn l-allat, fit-tindif mill-mikrobi u fil-mediċina.

Fiż-żmenijiet ta' llum nafu ftit iktar dwar l-alkoħol. Nafu li veru jista' jkollu benefiċċji mediċi jekk jittieħed b'moderazzjoni. Iżda nafu wkoll bil-ħsara li jista' jagħmel meta wieħed jabbuża minnu. Xorb moderat ta' l-alko]ol huwa żewġ xarbiet kuljum fl-irġiel inqas minn 65 sena, u xarba waħda kuljum fin-nisa jew irġiel iktar minn 65 sena. Xarba tista' tkun bott birra żgħir, tazza nbid żgħira jew grokk spirti. Jekk wieħed jimmodera x-xorb b'dal-mod jista' jnaqqas ir-riskju ta' attakk tal-qalb u mard fl-arterji tal-ġisem. Kif wieħed jibda jaqbeż dawn l-ammonti, nibdew naraw sensiela ta' mard assoċjat ma' dan l-użu eċċessiv. L-iktar komuni huwa mard kroniku tal-fwied b'riżultat li l-fwied jinxef u jieqaf isaffi l-ġisem mill-veleni. Hawnhekk tibda s-suffejra, tintefaħ iż-żaqq filwaqt li l-ġisem jiddgħajjef u l-musrana ta' fuq tista' tnixxi ħafna demm. Eventwalment jista' anki jiżviluppa kanċer fil-fwied.

Barra minn dan, jista' jiżviluppa kanċer fi bnadi oħra tal-musrana u fil-frixa. Il-frixa tiffjamma iktar malajr u din hija wkoll kundizzjoni serja. Il-qalb tista' tgħejja u l-puplesija hija iktar komuni b'ammonti kbar ta' xorb alkoħoliku. Xorb alkoħoliku fit-tqala jista' jirriżulta f'korriment kif ukoll f'mard konġenitu tat-tarbija.

S'issa semmejna biss il-perikli tax-xorb alkoħoliku meta jittieħed regolari b'mod iktar eċċessiv minn dak moderat (kif ġie definit hawn fuq). Iżda alkoħol eċċessiv ta' darba għandu wkoll il-perikli tiegħu. L-alkoħol inaqqas il-livell ta' konċentrazzjoni u l-kapaċita' ta' persuna li tieħu deċiżjonijiet tajbin. Il-ko-ordinazzjoni tal-ġisem ukoll tonqos. Fl-estrem, il-bniedem jintilef minn sensieħ minn overdose ta' alkoħol u jista' jmut l-istess kif jista' jmut b'overdose ta' drogi oħrajn bħall-erojina. Kulħadd jaf bil-periklu tax-xorb u s-sewqan. Mhux kulħadd jiflaħ l-istess ammont ta' alkoħol. Xarba waħda għal xi nies tista' tkun biżżejjed biex jitilfu l-ko-ordinazzjoni u jaħbtu bil-vettura. Minn dawk kollha li jmutu f'inċidenti tat-traffiku, 38% ikunu minħabba l-alkoħol. L-alkoħol huwa assoċjat ukoll ma relazzjonijiet sesswali, xi kultant anki każwali. In-nuqqas ta' preparazzjoni għal dawn it-tip ta' relazzjonijiet jistgħu jkunu ta' dannu psikoloġiku kif ukoll fiżiku, bħal tqala mhux ippjanata jew mard li jittieħed sesswalment.

### IT-TARKA

- ***Jekk qiegħed tieħu xi mediċini ftakar li anki alkoħol moderat jista' ma jaqbilx ma dawk il-mediċini.***
- ***L-edukazzjoni fuq prevenzjoni trid tibda' miċ-ċokon fil-familja rigward il-perikli ta' l-alkoħol.***



- ***Qatt ma huwa tard biex tieqaf tixrob. Ħafna drabi jkun meħtieġ xi forma ta' għajnuna. Sedqa hija aġenzija li tgħin lil min għandu dan il-bżonn. Tista' ċċempel 2124 1887 b'mod kunfidenzjali. It-tabib tiegħek jista' jtik iktar informazzjoni u anki jirriferik hu.***
- ***Jekk inti tqila tixrobx.***
- ***Jekk xrobt alkoħol, issuqx; tirkibx ma xi ħadd li xorob ħafna u se jsuq.***

### IX-XABLA

- ***Il-kura tal-ħsara mill-alkoħol tiddependi mil-liema stadju tkun waslet u fejn l-iktar li affettwat. Il-kura tkun iktar ikkumplikata iktar ma l-ħsara tkun daħlet il-ġewwa.***
- ***Jekk xi ħadd ikun fis-sakra u taraħ ma jqumx faċilment, fittex għajnuna medika immedjata.***

**Nixtiqilkom is-saħħa u l-Milied u s-Sena t-tajba.**

***Jekk għandek xi diffikultà fuq xi informazzjoni li sibt f'dan l-artiklu, ikun siewi li tkellem lit-tabib tiegħek sabiex tiċċaraha.*** •



# TIFKIRA TA' FRA ANTNIN VELLA OFMCap 1927 – 2006

"Mulej, ma tkabbritx qalbi, anqas ma ntrefgħu għajnejja; jien ma ġrejtx wara ħwejjeġ kbar, jew wara ħwejjeġ ogħla minni.Imma żammejt ruħi fis-skiet u l-mistrieħ, bħal tarbija f'ħoġor ommha; Bħal tarbija miftuma, hekk hi ruħi ġewwa fija" (Salm 131:1-2).

**Dawn il-kliem tas-Salmista jiġbru fil-qosor il-ħajja ta' Fra Antin Vella li għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2006 fl-età ta' 78 sena għall-ħabta tas-1:30 pm, wara li ddaħħal l-isptar San Luqa jum qabel biex jiġi rikoverat. Mal-Marsa kollha, malajr ġriet l-aħbar: "Miet il-Fra," għax hekk kien magħruf dan Ħuna man-nies tal-parroċċa tat-Trinità fejn huwa qatta' ħafna minn ħajtu.**





Salvu, l-isem li ngħatalu fil-Magħmudija, ta' 22 sena ħass li l-Mulej kien qed isejjaħlu sabiex ikun tiegħu fi ħdan l-Ordni Franġiskan Kapuċċin. Din ix-xewqa fil-qalb ta' Salvu seħħet tassew meta fis-6 ta' Diċembru 1949 huwa ġie aċċettat bħala Postulant ma' l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini tal-Provinċja ta' Malta, fil-kunvent tal-Floriana. Fl-4 ta' Ġunju 1950 għamel il-vestizzjoni u b'hekk sar Terzjarju Franġiskan. Fl-20 ta' Jannar 1952 Salvu beda s-sena tan-Novizzjat fil-fraternità tal-kunvent ta' Għawdex fejn ingħata l-isem ta' Fra Antnin miż-Żejtun. Sena wara, fl-1 ta' Frar 1953, Fra Antin għamel il-Professjoni Temporanja f'idejn P. Stiefnu minn Bormla, Delegat tal-Ministru Provinċjal, Patri Pietru mill-Floriana.

Wara l-Professjoni Temporanja, Fra Antnin ġie assenjat bħala wieħed mill-Aħwa tal-fraternità ta' Santa Liberata, fil-Kalkara. F'din l-istess fraternità huwa ghamel il-Professjoni Perpetwa fil-5 ta' Frar 1956. Fra Antin isejjaħ lil dan il-jum bħala **"Jum tassew ta' ferħ għalija; ma ninsieh qatt!"**

Huwa kien ukoll ċirkatur liema ħidma ma kinetx waħda faċli għalih l-aktar minħabba l-karattru mistħi tiegħu, kif jistqarr hu stess meta jgħid: **"Kont indur bieb bieb nitlob il-karità, bl-ixkora fuq spallejja. Ngħid is-sewwa kont nistħi xi ftit, iżda bl-għajnuna ta' Alla komplejt nagħmel iċ-ċirka għal dawk it-12-il sena li domt il-Kalkara. Fiċ-ċirka ma kontx waħdi, iżda kien hemm ukoll Fra Karm... mur għidli li konna se nkunu flimkien nagħmlu ċ-ċirka!"**

Fl-1965 Fra Antin irċieva l-Ubbidjenza biex mill-Kalkara jmur jagħmel parti mill-fraternità tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa. Fil-fraternità tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa, Fra Antnin dam 41 sena sakemm miet! Għall-bidu huwa ngħata l-inkarigu li jieħu ħsieb lil Patri Fulġens u li jgħin fil-knisja. Dan il-qadi ma' wieħed minn ħutna morda, Fra Antnin għamlu bl-akbar fedeltà kif hu stess jgħid: **"Dawk is-sentejn li għamilt indur b'Patri Fulġens ma ninsiehom qatt!"**

F'Awissu 1972 imbagħad Fra Antnin ġie maħtur mid-Definitorju Provinċjali bħala l-Prokuratur ta' din il-knisja. F'din il-ħidma Ħuna Antnin dam 25 sena sħaħ. Fra Antnin ħa bis-serjetà dan il-ministeru ta' qadi fil-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa, li mhijiex waħda żgħira.

It-talb kien xi ħaġa li għenu jibqa' għaddej. Fi kliemu stess: "l-aktar ħaġa li għenitni kien it-talb personali bla dubbju ta' xejn, speċjalment quddiem Ġesù Sagramentat. Għandi grazzja kbira li fix-xogħol tiegħi fil-knisja nkun qrib ħafna ta' Ġesù." Din l-imħabba lejn Ġesù Sagrament baqgħet dejjem tikber fih speċjalment meta f'Mejju 1990 sar ministru straordinarju ta' l-Ewkaristija biex igħin lil Ħutu saċerdoti fit-tqarbin imqaddes.

L-eżempju tiegħu kien jiġbdek minnufih. L-umiltà u s-sllenzju li kellu akkumpanjati mid-daħqa ħelwa tiegħu riflessa f'għajnejh kienu uniċi.

Għalih il-knisja kienet saret ħajtu. Il-Gwardjan tal-fraternità, Fr Charles Bugelli jagħti xhieda illi l-flus tax-xahar u xi flus oħra li kien jaqla' kien ifadalhom biex minnhom seta' jkompri xi spejjeż li kien ikun hemm bżonn għall-manutenzjoni tal-knisja. Min kellu l-għajnejn seta' jara x'kien qed jagħmel Fra Antnin, tant illi f'Jannar 1999 fl-okkażjoni ta' Jum il-Marsa, il-Kunsill Lokali tal-Marsa għoġbu jagħti Ġieħ il-Marsa lil Fra Antnin.

Kien ftit jiem wara l-festa titulari tal-parroċċa taż-Żejtun, il-festa ta' Santa Katerina ta' Lixandra, li Fra Antnin ma kienx ifalli waħda, li dan Ħuna ħassu ħażin. Minn dak in-nhar saħħtu bdiet dejjem tmur għall-agħar. Huwa ddaħħal l-isptar San Luqa fit-30 t'Awissu 2006 u ġie operat fl-1 ta' Settembru. Ħareġ mill-isptar fil-5 ta' Settembru, imma reġa' ddaħħal l-għada, sakemm, għadda għall-ħajja ta' dejjem fis-7 ta' Settembru 2006, lejlet il-festa tat-Twelid tal-Verġni Marija li huwa tant ħabb. Il-funeral tiegħu sar is-Sibt, 9 ta' Settembru.

Għall ħabta tat 8:45 am, beda l korteo mill-kunvent sal-knisja fejn saret il-quddiesa mmexxija mill-Vigarju Provinċjali, Ħuna William Axiaq fl-assenza tal-Ministru Provinċjal, Ħuna Joe Alessandro li kien Ruma għall-Kapitlu Ġenerali. Jakkumpanjaw lill-Vigarju Provinċjali li għamel ukoll l-omelija, kien hemm il-Gwardjan tal-fraternità tat-Trinità Qaddisa, Ħuna Charles Bugelli u l-Kappillan, Ħuna Emanuel Abela. Bosta Aħwa tal-Provinċja kienu preżenti flimkien ma' l-Arċipriet tal-parroċċa taż-Żejtun, Fr Eric Overand u l-ex-Arċipriet taż-Żejtun, Fr Alfred Vella. Preżenti kien hemm ukoll xi seminaristi u brother ta' l-Aħwa Franġiskani Minuri.

Minkejja li Fra Antnin mar fi Ħdan il-Missier, it-tifkira sabiħa tiegħu tibqa' magħna kif kiteb il-Ministru Provinċjal minn Ruma hekk kif waslitlu l-aħbar tal-mewt ta' dan Ħuna: **"Fra Antnin kien tassew rigal għalina lkoll u xhieda ħajja ta' dedikazzjoni u mħabba lejn il-fraternità u lejn id-doveri li ġew afdati f'idejh u li dejjem qdiehom b'fedeltà u ġenerożità u fis-skiet."** •



L-eżempju tiegħu kien jiġbdek minnufih. L-umiltà u s-silenzju li kellu akkumpanjati mid-daħqa ħelwa tiegħu riflessa f'għajnejh kienu uniċi.

# IL-QAWWA TAX-XITAN



Fost id-diversi diskorsi tal-Papa Ġwanni Pawlu II fuq ix-xitan għandna diskors li hu kien għamel fl-24 ta' Mejju 1987 fis-Santwarju ddedikat lil San Mikiel Arkanġlu, fuq Monte Sant'Angelo viċin San Giovanni Rotondo. F'dan id-diskors qal: "Din it-taqbida kontra Satana mibdija minn San Mikiel Arkanġlu hija attwali llum ukoll għaliex id-demonju huwa ħaj illum ukoll u għadu jaħdem fid-dinja. U għalhekk li l-ħażen li jinsab madwarna, id-diżordni li għandna fis-soċjetà, l-inkoerenza tal-bniedem, il-qasma interjuri li l-bniedem ta' llum qed isofri minnha, huma mhux biss konsegwenza tad-dnub oriġinali, imma anki effett ta' l-azzjoni mudlama tax-xitan."

B'liema modi ix-xitan jista' jfixkel u jiddisturba lill-bniedem? Ix-xitan għandu żewġ modi kif jaħdem:

- Hemm l-**AZZJONI ORDINARJA** tax-xitan li hija ndirizzata lejn il-bnedmin kollha. Din hija t-tentazzjoni biex wieħed jagħmel il-ħażen, tentazzjoni li kulħadd b'xi mod jew ieħor iġarrab. Irridu niftakru li Ġesù li sar bħalna f'kollox, ukoll aċċetta din il-kundizzjoni umana u ħalla lilu nnifsu jiġi ttentat mix-xitan (ara Lq 4:1-15).
- Hemm l-**AZZJONI STRAORDINARJA** tax-xitan li nistgħu naqsmuha f'sitt forom differenti:
  1. ***It-tbatija fiżika kkawżata mix-xitan b'mod estern.*** Mhux l-ewwel darba li nisimgħu b'din it-tbatija fil-ħajja ta' ħafna qaddisin. San Pawl tas-Salib, il-Kurat t'Ars, Patri Piju u ħafna oħrajn kienu jiġu attakkati fiżikament, imsawwta, imbeżża' u mweġġa' mix-xitan. Però din tiġri biss minn barra u għalhekk ma nistgħux nitkellmu minn possessjoni, imma hija msejjħa 'oppressjoni'.
  2. ***Il-Possessjoni.*** Dan hu l-mument meta x-xitan jieħu pussess, jaħkem il-ġisem (u mhux tar-ruħ) tal-persuna u jġegħelha titkellem u tagħmel dak li jgħid hu. Il-vittma għax hija maħkuma ma tkunx tista' tirreżisti u għalhekk mhix meqjusa moralment ħatja ta' l-azzjonijiet li tagħmel jew diskors li tgħid. Meta x-xitan jaħkem persuna jista' jwassalha għall-manifestazzjonijiet straordinarji li minnhom jitkellem ir-Ritwal tal-Eżorċismu:
     - ***Il-persuna titkellem b'lingwi li qabel kienu skonoxxuti għaliha;***
     - ***Ikollha saħħa eċċezzjonali (waqt li l-Eżorċista jitlob ikollu bżonn min iżomm il-persuna u dan mhux dejjem ikun faċli!);***
     - ***Turi ostilità għal dak kollu li hu sagru;***
     - **Tikxef ħwejjeġ mistura u oħrajn.**

Forsi hawn ma nistgħux ma niftakrux fl-imxjatan ta' Ġerasa (ara: Lq 8:26-39). Iżda rridu nżommu f'moħħna li jeżistu diversi tipi ta' possessjoni tax-xitan li jagħmlu differenza minn waħda għal oħra, kemm fil-gravità u kemm fis-sintomi. Għalhekk ma nistgħux inżommu quddiem għajnejna mudell wieħed, daqslikieku hemm xi pattern komuni, imma hemm varjetà u diversità daqskemm hemm persuni jbatu minn possessjoni. Ix-xitan jista' jaħkem: l-intellett, il-volontà u l-fakultajiet tal-persuna (saħħa, vuċi, eċċ...). Iżda qatt ma jista' jaħkem ir-ruħ tal-persuna għaliex ir-ruħ hija s-santwarju tal-bniedem. Biex ix-xitan jaħkem ir-ruħ irid ikun hu stess li jagħtih iċ-'ċavetta' u dan jagħmlu permezz tad-dnub. Meta persuna tkun qed tgħix fi stat ta' dnub gravi, mingħajr indiema, għalkemm konxja mill-istat tagħha u ma tipprova tagħmel xejn biex tinbidel, hi tkun qed tagħti possibbiltà lix-xitan biex jaħkem ir-ruħ tagħha. •



**Fr, ili miżżewġa sitt snin u għandna t-tfal. Kemm ilna miżżewġin, ir-raġel qalibhieli darba, darbtejn, tliet darbiet. Sa darbtejn ħfirtlu, imma issa għamilhieli t-tielet darba u, terġa' u tgħid, ma' mara miżżewġa u ma jistax ikun li nerġa' naħfirlu. Anki jekk nerġa' naħfirlu mhux se jbiddel ħajtu. Ma għandix garanzija li mhux se jerġa' jagħmel l-istess. Fl-aħħar mill-aħħar għadu jagħmel l-istess, għax għalih xejn ma hu xejn. Taħseb li ħadt deċiżjoni għaqlija? Jew għandi nsib ir-raġel tal-mara li semmejtlek u nugżaha forsi tħallih u l-affarijiet jinbidlu għall-aħjar fiż-żwieġ tagħna?**

## Patri William iwieġeb...

*Fl-Evanġelju Ġesù għallimna biex naħfru dejjem u nagħmlu hekk b'idejna miftuħin beraħ, jiġifieri b'ġenerożità kbira. Fuq dan il-punt mhux biss kien ċar, talli deċiż. Qatt ma mmolla fuqu. Jew taħfer mill-qalb u tkun f'postok ma' Alla jew ma taħfirx u tfettilha miegħu. Saħansitra qalilna li rridu naħfru għal seba' u sebgħin darba, jiġifieri dejjem. Dan id-diskors il-Mulej qalu għal kulħadd, anki għall-miżżewġin.*

*Bħala prinċipju, avolja r-raġel tiegħek safa' infidil miegħek, jekk inti tħobbu tassew trid dejjem taħfirlu. Dan tagħmlu bit-tama li l-imħabba tiegħek għalih fl-aħħar tirbaħ fuq l-infedeltà tiegħu u b'hekk issalvah milli jintilef. Fil-prattika dak li għedtlek s'issa mhux faċli jekk ma jkollokx doża qawwija ta' ħajja spiritwali fiż-żwieġ u tiflaħ tissaporti tort daqshekk kbir fiż-żwieġ. Fl-aħħar mill-aħħar iż-żwieġ huwa żwieġ daqskemm ikun fih fedeltà u, terġa' u tgħid, fedeltà ġeneruża. Proprjament jekk inti konvinta li r-raġel mhux se jbiddel ħajtu u se jibqa' jinkwetak, inti għandek dritt li tħallih, basta dak li għedt fuqu huwa minnu mija fil-mija u rajtu inti stess u mhux qalulek ħaddieħor fuqu. Forsi li tista' tagħmel huwa dan: tagħtih l-aħħar grazzja: jagħmel żmien jgħix għal rasu. Matulu ssegwih u jekk sa ċertu żmien jagħtik garanzija li qata' minn dik il-ħajja doppja u bla sens, inti terġa' taċċettah id-dar. Jekk le titilqu darba għal dejjem.*

*Għaliex qed ngħidlek hekk? Għaliex ma' raġel ta' dik il-kwalità ma tridx tkun twajba żżejjed billi toqgħod taħfirlu kull darba li jagħmilhilek, inkella jieħu iżjed il-lala u ma jindem qatt. Trid tkun fuq tiegħek u turih li jekk ma jikkonvertix mhux se tkompli tagħlaq għajnejk fuq ħaġa daqshekk serja fiż-żwieġ. Ma nagħtikx parir li tmur issib ir-raġel tal-mara li magħha żewġek qiegħed joħroġ u turih b'dak li qed jiġri bejniethom. B'dan il-mod ibqa' ċerta ma tasal imkien. Il-każ ikompli jikkomplika ruħu u jinqala' nkwiet kbir. Inti minn għalik tkun għamilt għat-tajjeb u jiswielek agħar. Qabel nagħlaq ippermettili nagħmillek mistoqsija. Inti tassew il-mara miżżewġa tar-raġel tiegħek? Lir-raġel qed tittrattah sew jew le fiż-żwieġ? Barra li taħfirlu għal darbtejn id-dnub tiegħu, f'affarijiet oħrajn qed timxi miegħu bl-għaqal? F'kelma waħda inti żgura li mhux inti qed titfgħu f'ħalq il-lupu jew le?*

*Jekk inti lir-raġel tiegħek ma intix tagħtih okkażjoni biex ifittex lil ħaddieħor - ħaġa li għall-ebda raġuni ma għandu qatt jagħmilha - inti tista' timxi fuq dak li għedtlek qabel, jekk ir-raġel tiegħek huwa daqshekk tad-dinja li ma jridx jaf b'mara waħda. Dan tagħmlu bla ma tinsa li trid tarma ruħek sew għax mhux faċli fid-dinja ta' llum tgħix waħdek mingħajr ir-raġel tiegħek iżjed u iżjed meta għadek żgħira u diġà għamilt l-esperjenza ta' ħajja miżżewġa.*

*Jidhirli li tajtek tagħrif biżżejjed biex tkun tista' tiddeċiedi x'se tagħmel mingħajr ma jiddispjaċik għad-deċiżjoni li tkun ħadt.* •



# ALJENATI JEW LE!

**Ftit tax-xhur ilu laqatni kumment ta' persuna magħrufa fil-qasam ta' l-ispettaklu waqt programm fuq stazzjon ta' radju lokali. Kien qed jikkummenta dwar il-fatt li għalkemm kien għadu qrib l-aħħar tas-sajf, ir-riklami fuq it-televixen għax-xiri tas-siġar tal-Milied u tal-Father Christmas kien fl-aqwa tiegħu. U impressjonani l-fatt li stqarr li la l-waħda u lanqas l-ieħor m'għandhom x'jaqsmu mal-Milied Nisrani kif nafuh aħna l-Maltin... bil-grotta, bil-presepju. Kien kumment f'waqtu, għalkemm barra minn żmienu! Kien kumment li kull Nisrani matul żmien l-Avvent għandu d-dmir li jaħseb sew dwaru... mhux biss dwar is-siġar tal-Milied jew il- Father Christmas, imma dwar il-kummerċjaliżmu sfrenat li qiesu jibda jaħkem fuq kulħadd mal-bidu ta' l-Avvent... kemm se nixtru jew naqilgħu rigali; fejn se nagħmlu l-ikla tal-Milied u ma' min; kemm se norganizzaw lotteriji f'isem il-karità għax il-karità mingħajr spettaklu ma tantx għadha tinstema' tajjeb, u tbaħrid ieħor.**



Min-naħa tagħha l-Knisja, matul dan l-ewwel żmien tas-Sena Liturġika, tippreparana bis-sħiħ. Sa mill-ewwel jiem ta' l-Avvent il-Knisja tibda turina l-vera tifsira tal-Milied Imqaddes mil-lat spiritwali mingħajr ma tipprova ċċaħħadna mill-atmosfera ferm sabiħa ta' ferħ li jġib miegħu żmien il-Milied. It-twissijiet helwin li tagħtina l-Knisja huma biss biex ma niġux aljenati. U dan kollu ġej mill-fatt li dawn it-twissijiet ma għamilhomlna ħadd ħlief is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu nnifsu.

L-ewwelnett il-Milied ma jfissirx biss il-miġja ta' Ġesù bħala t-tarbija mwielda minn Marija fl-Għar ta' Betlehem, imma huwa ż-żmien li jfakkarna fiż-żewġ miġjiet ta' Ġesù kif jgħid tajjeb San Cirillu, Isqof ta' Ġerusalemm, **"Waħda isbaħ mill-oħra... f'ta' l-ewwel (Milied) tana xhieda ta' sabar, imma fl-oħra (fl-aħħar taż-żmien) jiġi bil-kuruna tas-saltna ta' Alla fuq rasu. Fl-ewwel miġja tiegħu Ġesù kien imfisqi u mimdud f'maxtura; fit-tieni waħda jiġi mlibbes bid-dawl bħal b'mantell. L-ewwel darba mimli żeblih u tmaqdir u tgħabba bis-salib; fit-tieni jiġi bil-glorja, imdawwar bil-qtajja ta' l-anġli... Is-Salvatur mhux ġej biex jerġa' jsir ħaqq minnu iżda biex isejjaħ għall-ħaqq lill-ħajjin u lill-mejtin, u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem..."**

Matul dan l-istess żmien, ifakkarna l-għaref San Karlu Borromeo, **"Il-Knisja ġġedded bil-qima t-tifkira ta' dan il-misteru waqt li tgħallimna li l-miġja ta' Kristu ma swietx ta' ġid biss għal dawk li għexu fi żmienu, iżda l-qawwa tagħha għadha tinxtered fuqna sakemm aħna, bis-saħħa tal-Fidi u tas-Sagramenti Mqaddsa, inkunu rridu nilqgħu l-grazzja li hu sthaqqilna u li biha bl-imġiba u bil-ħajja tagħna nuru l-ubbidjenza tagħna lejh."**

Kif jgħid tajjeb San Girgor Nazjanzenu: **"Ġesù sar bniedem minħabba l-bniedem u jgħaqqad miegħu ruħ bid-dehen bħal tiegħu minħabba fija biex inaddaf lill-bniedem bħalu u jieħu fuqu nnifsu dak kollu li hu tal-bniedem minbarra d-dnub. Dan il-misteru ifisser li jien kont maħluq xbieha t'Alla Imma ma bżaltx għallha u hu sar bniedem bħali biex irodd is-saħħa lix-xbieha u jagħti lilna l-bnedmin il-ħajja ta' dejjem u nerġgħu lura għand il-Missier."**

San Bernard iżid miġja oħra... **"Fl-ewwel miġja Ġesù ġie fil-ġisem bħala bniedem dgħajjef; f'dik tan-nofs jiġi bl-ispirtu u l-qawwa tiegħu fejn il-magħżulin biss jarawh fihom infushom u jaqilgħu s-salvazzjoni ta' ruħhom (Ġesù stess qal: jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu għandu); imbagħad fl-aħħar jiġi fil-glorja u fil-kobor tiegħu."**

Dwar kemm m'għandniex inkunu aljenati, min-naħa tagħna naħsbu li waħda mill-isbaħ tifsiriet jagħtiha d-djaknu San Efrem, fuq "Diatessaron", li hu studju dwar l-armonija li teżisti fil-kitba ta' l-erba' Evanġelisti. F'kapitlu 18, meta jitkellem dwar ishru, għax reġa' ġej, huwa jgħid li Ġesù biex ma jħallix lid-dixxipli jistaqsuh dwar iż-żmien tal-miġja tiegħu qalilhom: **"Dik is-siegħa ma jafha ħadd, anqas l-Iben. Mhux biċċa tagħkom li tkunu tafu ż-żmien."** San Efrem jgħid li... **"Ġesù ħbilna dan kollu biex aħna nishru u kull wieħed minna jaħseb li se jiġri fi żmienna... għax kieku qalilna konna nibqgħu berdin u x-xewqa tagħha ma kinitx tibqa' tteġġeġ lill-ġnus u ż-żmenijiet sa meta d-dehra sseħħ."**

Veru li hu fissrilna s-sinjali tal-miġja tiegħu, imma aħna ma naslu qatt biex inkunu nafu t-tmiem tagħhom, għax sinjali bħalhom saru, għaddew u għadhom isiru sa llum, għargħar, terremoti, taqlib fit-temp, mard, insomma kull ħaġa li tkexkxek. Dan, skond San Efrem, hu biex ħadd ma jaħseb li Sidna qiegħed taħt xi destin jew marbut ma' xi żmien, hu li għandu s-setgħa u l-ħakma fuq kollox.

Għalhekk aħna l-Insara għandna bżonn nishru, ma naljenawx ruħna jew inħallu lil min jaljenana, għax meta l-ġisem jorqod ikun maħkum min-natura u meta l-ispirtu jkun mitluf fin-ngħas ta' nuqqas ta' ħila, ta' diqa, l-għadu jeħodna f'idejh, jaljenana, u nagħmlu dak li ma rridux. •





# JAQBILLEK TINXURJA "RUĦEK"

**Għext u ħdimt għal żmien twil f'ħajti f'ambjent u xogħol reliġjuż u għext u ħdimt għal żmien daqshekk twil f'ambjent u xogħol ta' insurance. Nara li hemm xi ħaġa komuni bejn it-tnejn.**

Meta wara li titlef xi ħaġa li tiswa l-flus bħal pereżempju meta ssiefer u titlef il-bagalji jew meta taħbat bil-karrozza u titlef il-karrozza tiegħek jew inkella jidħlulek fid-dar u jisirqulek il-propjetà tiegħek, kulħadd jgħidlek li jaqbillek tinxurja ruħek. Dan il-mod ta' diskors hu naturalment figurativ għax dak li jkun ma jkunx qed jgħidlek għal ruħek, imma għalik nnifsek ippersonifikat f'ruħek. Ikun qed jgħidlek biex tinxurja lilek innifsek jew il-propjetà tiegħek. Meta jiġrilek dan il-gwaj tkun taf xi tfisser l-insurance u l-benefiċċji tagħha.

Imma l-bniedem m'huwiex biss ġisem u propjetà materjali. Anzi b'dan biss ħadd m'hu veru bniedem. Il-bniedem hu ġisem u ruħ u hi r-ruħ, l-ispirtu li jiddistingwina mill-annimali u l-ħlejjaq l-oħra. X'jiġri meta nitilfu xi ħaġa mir-"ruħ" tagħna? Hemm insurance fejn nistgħu nagħmlu claim biex inġibu lura dak li nkunu tlifna; biex nerġgħu niġu fis-sitwazzjoni tajba li konna fiha qabel? Meta nħossni li qed nitlef minn "ruħi" u qed naġixxi u nirraġuna ta' materjalista biss jew żżejjed... meta nħossni li qed naġġixxi ta' egoist li qed ninsa li hemm Alla... m'iniex nitlob u allura nħoss l-vojt u li hemm xi ħaġa nieqsa sewwa f'ħajti... nista' nfittex l-insurance ta' "ruħi"? L-ewwel insurance hu l-Evanġelju u l-Kelma ta' Alla miktuba fl-Iskrittura. Immankabbilment kull meta nagħmel claim hawnhekk nerġa' nibda nħossni ġej fis-sitwazzjoni li kont fiha qabel. Fl-insurance din jgħidulha indemnity li tfisser li tirritorna fl-istess sitwazzjoni finanzjarja li kont fiha qabel l-inċident. Dan hu prinċipju fundamentali ta' l-insurance. Ġesù, il-Kelma ta' Alla magħmul bniedem, huwa risposta radikali u mill-iżjed li tixraq lill-bniedem għal kull sitwazzjoni tal-ħajja. L-Evanġelju huwa umaneżimu perfett u hu għalhekk li min ixerred l-Evanġelju u l-Kelma ta' Alla jkun ixerred l-Aħbar it-Tajba.

It-tagħlim tal-Knisja wkoll huwa insurance oħra fejn nistgħu mmorru. Naturalment kulħadd għandu d-dritt u anki l-obbligu li jaħseb u jħaddem moħħu, imma ħadd m'għandu jaħseb li d-dinja bdiet miegħu. Esperjenza tant twila u qawwija ta' tagħlim bħalma hi d-duttrina tal-Knisja m'għandhiex tiġi sempliċement injorata għax xi ħadd jaħseb li qed jivvinta r-rota hu llum. Meta sar iċ-ċensiment ta' l-attendenza tal-quddies, ħafna waħħlu f'ħaddieħor għax ma jmorrux il-quddies fejn wieħed jiltaqa' ma' Ġesù fis-smiegħ tal-Kelma u fl-Ewkaristija. Dan jista' jkun argument validu, imma mhux biex jiġġustifika li ma tmurx il-quddies. Nista' nġib kemm irrid skużi biex ma nħallasx insurance, imma mbagħad fil-ħin tal-bżonn jien nibqa' minn taħt. Il-ħajja tagħna hija prezzjuża, tiġi darba, sabiħa. Kollha kemm aħna nieħdu żbalji u niżvijjaw. Min jarmi l-fonti li jista' jdawlu biex jgħix id-dinjità tiegħu ta' bniedem, hu biss jitlef u jarmi l-iżjed rigal prezzjuż li għandu l-bniedem: ħajtu.

Bħalma fis-suq hemm ħafna insurances differenti, insurance tal-ħajja, tal-propjetà, ta' min iħaddem u ħafna tipi oħra, hekk ukoll fil-ħajja tar- "ruħ" tagħna għanda ħafna għajnuniet: direttur spiritwali, qrar, eżempji ta' qaddisin li jispirawna għax nafuhom li għixu l-ħajja u l-fidi tagħhom b'mod radikali bħal pereżempju San Franġisk, San Piju ta' Pietralcina, il-Beatu Ġorġ Preca u kont se nsemmi xi ħadd li għadu ħaj ukoll.

Importanti li naħsbu għall-maltemp li fil-ħajja jiġi żgur u jekk inkunu boloħ, nerqu kif l-esperjenza turina, jiġrilhom ħafna. Jaqbillek tinxurja "ruħek". •

# WERREJ 2006

## F'ordni alfabetiku tas-suġġetti


### APPOSTOLAT TAT-TALB

Jannar p. 15; Frar p. 15; Marzu p. 15; April p. 15; Mejju p. 15; Ġunju/Lulju p. 5; Aw/Sett p. 12; Ottubru p. 12; Novembru p. 18; Diċembru p. 7

### BIBBJA

**MESSAĠĠI minn P. Donat Spiteri OFMCap**

Min Qalhom — Frar p.4
Il-Valuri tan-Numri — April p.4
Il-Paċenzja ta' Ġob — Ġunju/Lulju p.4
Jeħilli Isieni mas-saqaf ta' ħalqi — Ottubru p.4
Il-Kustilja ta' Adam; Talb kontra l-għedewwa — Diċembru p.4

**PERSONAĠĠI minn Mons. Lawrenz Sciberras**

Mikea (Ħabbar Betlehem) — Jannar p.4
Sara (Is-Sieħba) — Marzu p.4
Rebekka in-nagħġa l-bajda tal-familja — Mejju p.4
Lija, l-għasura u l-omm — Aw/Sett p.4
Rakel — Novembru p.4

### EDITORJAL

Ġejna nqimuh — Jannar p.3
Hbatna ma' sikka — Frar p.3
Dawl Franġiskan Ħamsa u għoxrin sena ta' Evanġelizzazzjoni – Ad Multos Annos — Marzu p.3
Quddiem il-qawwa tal-Qawmien — April p.3
Jum l-Omm — Mejju p.3
Jum il-Missier — Ġunju/Lulju p.3
Li kienet il-Madonna — Aw/Sett p.3
Mill-ġdid fi triqtna — Ottubru p.3
Nerfgħu Qlubna 'l fuq — Novembru p.3
Nitwieled biex ngħix — Diċembru p.3

### ESPERJENZA *minn Emily Barbaro Sant*

Mixja Flimkien (Sinodu Djoċesan) — Jannar p.15
Intelliġenti u ħabib — Frar p.14
Popolari, imma umli — Marzu p.12
Ħolma kerha jew realtà — Mejju p.12
Għexu jittammaw fi twelid ġdid — Ġunju/Lulju p.12
Imwiet bil-kaġun — Aw/Sett p.13
Novella: Harġet u ma Daħletx — Ottubru p.13
Novella: Qatt ma hu tard wisq — Novembru p.13
Ittra mingħand Ġesù — Diċembru p.10

### FRANĠISKANIŻMU

**Gi.FRA**

"Iġri jasal il-Live-In!" – ***Br Ivan Scicluna OFMCap*** — Jannar p.25
Mima Miħed. "Qed Iħabbatlek il-Bieb ta' qalbek" – ***Keith Spiteri*** — Frar p.17
It-talenti tagħna – ***Elaine Abela*** — Marzu p.23
"Ġesu jbati miegħek!" – ***Keith Spiteri*** — Marzu p.27
Ressaqni Lejk – ***Rachel Gatt*** — Mejju p.21
L-Ewkaristija. L-Ikel ta' Ħajjitna – ***Marjoe Callus*** — Ġunju/Lulju p.27
Innamrajt mal-mużika...! – ***Henry Fenech*** — Aw/Sett p.27
Iż-Żgħażagħ Franġiskani f'Għawdex — Ottubru p.27
Ħolma li saret realtà – ***Rachel Gatt*** — Diċembru p.20

**OFS** - ***minn P. Frans Abela Giusti OFMCap***

Ubbidjenza b'Imħabba (1) — Jannar p.24
Ubbidjenza b'Imħabba (2) — Frar p.20
Ubbidjenza b'Imħabba (3) — Marzu p.24
Għarajjes ta' Ġesu — April p.19
Imħabba prudenti lejn il-mara — Mejju p.15
Ħbiberija spiritwali — Ġunju/Lulju p.15
L-Ewkaristija dewqa ta' l-eternità — Aw/Sett p.25
Mira tal-Fundaturi — Ottubru p.26
L-Ewkaristija Dewqa ta' l-Eternita — Novembru p.18
Viżjoni Ewkaristika oriġinali — Diċembru p.15

### ĠUSTIZZJA *minn Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar LL.D*

Żmien diffiċli għall-familja Maltija — April p.29
Żmien diffiċli għall-familja Maltija — Mejju p.18
Il-Gwardjani u t-Tribunali Lokali qed iservu l-iskop tagħhom? (1) — Ġunju/Lulju p.18
Il-Gwardjani u t-Tribunali Lokali qed iservu l-iskop tagħhom (2) — Aw/Sett p.18
X'għandhom verament bżonn it tfal tagħna — Ottubru p.18
Lejn Ġustizzja aħjar (I) — Diċembru p.11

### ĦAJJA NISRANIJA

**LEJN ALLA BL-ISPORT** - ***minn Joe Attard***

Jannar 28; Marzu p. 14; April p. 14; Mejju p. 14; Ġunju/Lulju p. 14; Novembru p. 27.

Bniedem ta' influwenza kbira fid-dinja – ***Tony C. Cutajar*** — Aw/Sett p.16
Madre Margerita – ***Dun Ġużepp Gauci*** — Novembru p.22

### ITTRI LILL-EDITUR

Tlifna ħabib benefattur kbir ***(Tony C. Cutajar)*** — Ottubru p.25

### KLANDESTINA F'ARTNA *minn Bernard Cauchi u Michael Grech*

Klandestini f'artna — Jannar p.12
L-ekonomija li lilhom iċċaqlaqhom u lilna torbotna — Frar p.28
Nies li qed ifittxu kenn: Il-politika tal-biża' — April p.28
Iżlam-Punent. Kunflitt Inevitabbli? (1) — Mejju p.19
Iżlam-Punent. Kunflitt Inevitabbli? (2) — Ġunju/Lulju p.19
Iżlam-Punent. Kunflitt Inevitabbli? (3) — Aw/Sett p.19

### KOMPETIZZJONIJIET *minn Patri Wistin Attard OFMCap*

Rokna għat-Tfal (l-Evanġelju fil-Qosor); Tisliba 65 — Aw/Sett p.30
Rokna għat-Tfal (pajjiżi u bliet); Tisliba 66 — Ottubru p.30
Rokna għat-Tfal (Bibbja); Tisliba 67 — Novembru p.30

### KRISTJANEŻMU

Siltiet mill-messaġġ tal-Papa Benedittu XVI fl-okkazzjoni ta' Jum Dinji tal-Morda – ***Romina Azzopardi*** — Frar p.12
L-Immigrazzjoni/2. San Ġużepp fl-aħbarijiet – ***Tony C. Cutajar*** — Marzu p.16
Ħajja bejn tnejn – ***Joe Flask*** — Marzu p.26
Bniedem b'missjoni – ***Tony C. Cutajar*** — April p.16
Ibnek mhux qed imur Knisja? – ***Tony C. Cutajar*** — Mejju p.16
Il-Valuri ta' Lee Kuan Yew. Statista minn Singapore – ***Tony C. Cutajar*** — Ġunju/Lulju p.16
Imma lili jsejjaħli l-Mulej – ***H. Agius Ordway*** — Ġunju/Lulju p.28
Ejjew warajja — Aw/Sett p.28
Klara għarusa ta' Ġesu (I) – ***Sr Frances Hilary Warrington*** — Ottubru p.28

Valenzja (Spanja): Il-Kalċi ta' l-Aħħar Ċena – *Joe Flask* Novembru p.14
Klara għarusa ta' Ġesu (II) – *Sr Frances Hilary Warrington* Novembru p.16
Il-Biża' minn Alla – ***Harry Agius Ordway*** Novembru p.28
Xrar ta' Dawl – ***Laurence Attard*** Novembru p.31
Aljenati jew le! – ***Harry Agius Ordway*** Diċembru p.26

**KULTURA FRANĠISKANA**
*minn Dr Mario Saliba M.D.*
Il-Ministeru tal-Kura tal-Morda u l-Franġiskani matul iż-żminijiet (1) Jannar p.16
Il-Ministeru tal-Kura tal-Morda u l-Franġiskani matul iż-żminijiet (2) Frar p.16
Il-Ministeru tal-Kura tal-Morda u l-Franġiskani matul iż-żminijiet (3) Marzu p.11
*minn Fr Andrè Azzopardi OFMCap*
Il-Bażilika ta' San Franġisk t'Assisi Frar p.24
Il-Bażilika ta' San Franġisk t'Assisi April p.12
Il-Bażilika ta' San Franġisk t'Assisi Ġunju/Lulju p.24

**LETTERARJA**
Kotba speċjali għaż-Żgħażagħ Ottubru p.16
Żewġ Kotba dwar San Ġwann Novembru p.20

**LENTI LEGALI** *minn Dr Bernice Gauci*
Il-Kummissarju tat-Tfal Jannar p.10
Il-Kummissarju tat-Tfal/2 Frar p.11

**LIMERIKKI** *minn Tony C Cutajar*
Qlub Ġenerużi Frar p.23
Id-Dgħajja Marzu p.27
L-Egoist April p.26
Id-Drawwiet Mejju p.17
Il-murtali Ġunju/Lulju p.17
L-imħabba Aw/Sett p.17
Il-Ġejjieni Ottubru p.15
Il-Mewt Novembru p.26

**MESSAĠĠ BIL-KANT** *minn Laurence Attard*
Darlene Zschech. Mara ta' veru. Jannar p.29
Brian Doersken. L-Artist u Kantant Marzu p.19
Don Moen. Il-Kantant tal-Mulej Mejju p.13
Lincoln Brewster. Kantant żagħżugħ Ġunju/Lulju p.13
Michael Card Aw/Sett p.31
Għanja dinjija (Gen Verde) – ***Veronica Aquilina*** Ottubru p.31

**MISSJONI**
**KENJA**
L-Insara jkomplu joktru. Knisja ġdida fi Mpeketoni, Kenja – ***Mons. Francis Baldacchino, Isqof tad-Djoċesi ta' Malindi*** Jannar p.8
Tberik tal-Ġebla tax-Xewka tal-Knisja l-Ġdida – Emmaus – ***P. Spiro Galea OFMCap*** Frar p.8
Hu isbaħ tagħti milli tirċievi – ***P. Publius Mair OFMCap*** Marzu p.8
L-Għomja jaraw - ***Mons. Francis Baldacchino, Isqof tad-Djoċesi ta' Malindi*** Marzu p.10
Żjara fil-Viċi Provinċja tal-Kenja April p.8
Ordinazzjoni Presbiterali. Fr Nicholas Mutua jirċievi l-Ordni Sagri – ***Br John Cassar OFMCap*** Mejju p.10
Mission Fund f'Mpeketoni, il-Kenja. Hakuna Matata Mejju p.11
Il-Ġuħ u n-nixfa jkomplu u l-għajunna tkompli tasal f'waqtha – ***Br John Cassar OFMCap*** Ġunju/Lulju p.10
X'Isem tridu tagħtuh? – ***Mons. Francis Baldacchino, Isqof tad-Djoċesi ta' Malindi*** Ġunju/Lulju p.11
Ordinazzjoni Presbiterali ta' erba' Kapuċċini Kenjani Ottubru p.8

**KUBA** *minn P. Philip Cutajar OFMCap*
100 sena mit-tieni miġja tal-Kapuċċini f'Kuba Jannar p.18
Żjara mill-Provinċjal Fr Joe Alessandro lil Huna Fr Philip cutajar f'Kuba Jannar p.20
Ċikluni u urugani tropikali Frar p.18
Laqgħa storika Marzu p.25
Il-Kapuċċini f'Bayamo April p.22
Fr Philip maħtur segretarju tal-Kardinal ta' La Habana Mejju p.28
Solidarjetà Kubana għall-mewt t'ommi Ġunju/Lulju p.26
L-Ismijiet taċ-Ċikluni Tropikali Aw/Sett p.26
Ċikluni u Urugani Tropikali Ottubru p.17
Ismijiet għaċ-Ċikluni tas-sena 2006 Novembru p.26
Żjara li ħalliet ħafna frott Diċembru p.12

**KITBIET TAL-MISSJUNARJI**
Sitwazzjoni mwiegħra u gravi ħafna - ***Mons. Pawlu Darmanin, Isqof tad-Djoċesi ta' Garissa*** Frar p.10
Mons. Pawlu Darmanin jirringrazzja u japprezza għall-offerti li qegħdin jaslulu Frar p.10
Mons. Francis Baldacchino OFMCap, Isqof tad-Djoċesi ta' Garissa, il-Kenja, jirritorna fil-ħidma tiegħu wara ġimgħat ta' kura f'Malta bejn Settembru u Diċembru 2005 Frar p.20
L-Isqof ta' Malindi, il-Kenja, Mons. Francis Baldacchino jirringrazzja u jammira l-ġenerożita April p.11
Mons. Pawlu Darmanin, Isqof tad-Djoċesi ta' Garissa, il-Kenja Irodd Ħajr April p.11
Grazzi mill-qalb - ***Mons. Pawlu Darmanin, Isqof tad-Djoċesi ta' Garissa*** Mejju p.8
Nixfa u Ġuħ f'Garissa - ***Mons. Pawlu Darmanin, Isqof tad-Djoċesi ta' Garissa*** Ġunju/Lulju p.9
Il-ġuħ u niexfa jkomplu – ***Br John Cassar*** Aw/Sett p.9
Forom ta' Talb Sempliċi għas-Sempliċi Ottubru p.9
Santwarju Marjan għad-Djoċesi ta' Malindi Ottubru p.10
Messaġġ tal-Papa Benedittu XVI għall-Ġurnata Missjunarja Ottubru p.12
Mejtin Ħajjin – ***Mons. Francis Baldacchino, Isqof ta' Malindi*** Novembru p.8
Forom ta' Talb Sempliċi għas-Sempliċi – ***Mons. Francis Baldacchino, Isqof ta' Malindi*** Novembru p.17
Kważi Draw: Il-frott ta' l-Ewkaristija fil-ħajja tagħna ta' kuljum – ***Mons. Pawlu Darmanin, Isqof ta' Garissa, il-Kenja*** Diċembru p.16

**MISSJUNARJI FOSTNA**
Mons. Pawlu Darmanin OFMCap; Fr.Publius Mair OFMCap Ġunju/Lulju p.10
Mons. Francis Baldacchino OFMCap; Fr Emmanuel Barbara OFMCap u Br John Cassar OFMCap Aw/Sett p.9

**MIXXELLANJA**
Għaqda Nisa Sta. Liberata – ***Tessie Gatt*** Frar p.19
Mhux bil-Hobż biss – ***Romina Azzopardi*** Frar p.26
L-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mario Grech. Isqof tad-Djoċesi t'Għawdex Marzu p.31

Garanzija għall-żwieġ hieni – ***Joe Flask*** April p.24
Is-Sebgħa....mhix ċajta! – ***George Saliba*** April p.26
Familja Raġel u Mara Miżżewġin – ***Joe Flask*** Mejju p.26
Nikkwota, Nikkummenta u Nistaqsi – ***Lino Ellul*** Mejju p.29
Il-Koabitazzjoni Novembru p.10
Il-Presepju tiegħi Diċembru p.8
Emmen kemm trid – ***Tony C. Cutajar*** Diċembru p.18

**MUŻEW** *minn Patri. Franġisku Azzopardi OFMCap*
San Bernard Latini Jannar p.23
Il-Madonna ta' Loreto Frar p.23
Santa Marija Addolorata Marzu p.15
Salib tal-Proċessjoni April p.15

**OKKULT** *minn Fr Franco Fenech*
F'Ismi ikeċċu x-Xjaten Ottubru p. 14
Il-Qawwa tax-Xitan (I) Novembru p. 24
Il-Qawwa tax-Xitan (II) Diċembru p. 24

**POEŻIJA**
L-Ambaxxatur tal-Mulej – ***Paul Bonnici*** Frar p.25
Meditazzjoni – ***Richard Gatt*** Marzu p.20
Warradtni f' imħabbtek – ***P. Mario Attard OFMCap*** April p.26
Minn Qalbi Infaħħar lill-Mulej "Magnificat" – ***Oliver Friggieri*** Mejju p.17
Lil San Leopoldu Mandic - ***P. Mario Attard OFMCap*** Mejju p.31
Nissiltni fi mħabbtek Aw/Sett p.5
San Franġisk – ***Mary Meylak*** p.19
Fiċ-Ċimiterju – ***Tony C. Cutajar*** Novembru p.12
Kagħak ta' l-Għażel – ***Mary Mejlak*** Diċembru p.9

**PROVINĊJA - ĠRAJJIET**
Riżultat tal-Lotterija b'riżq il-Missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja – Milied 2005 Marzu p.10
Il-Kapuċċin Sean O'Malley jinħatar Kardinal mill-Papa Benedittu XVI April p.31
Jum il-Missjoni Kapuċċini Mejju p.9
Laqgħa tal-Franġiskani Kapuċċini Internazzjonali ssir f'Malta Ġunju/Lulju p.22
Avviżi mis-Segretarjat tal-Missjoni Ġunju/Lulju p.31
Professjoni Solenni ta' Claudio Falzon OFMCap Aw/Sett p.10
Ministru Ġenerali Diċembru p.5

**TIFKIRA - PATRIJIET** *minn Fr Martin Micallef OFMCap*
Patri ErkulanuDeMaria OFMCap Jannar p.26
Patri Franġisku Azzopardi OFMCap Mejju p.22
Patri Benvenut Vella OFMCap Aw/Sett p.22
Patri Leopoldu Tabone OFMCap Ottubru p.22
Fra Antnin Vella OFMCap Diċembru p.22

**ĠENITURI**
Georgina Baldacchino; Maria Anna Cutajar April p.15
Lucia Scerri Novembru p.9

**VOLUNTARJAT**
Fondazzjoni Suret il-Bniedem – ***Br Eric Vella OFMCap*** Novembru p. 19

**SAHHTEK** *(It-Tarka u x-Xabla) minn Dr Tonio Piscopo MD*
L-Uġigħ fis-sider Jannar p.21
L-Anġina Frar p.21
Il-Pulmun Marzu p.21
Il-Kolesterol April p.21
Il-Qtugħ ta' nifs Mejju p.25
L-Anemija Ġunju/Lulju p.21
Is-Sħana magħna! Aw/Sett p.21
L-HIV/AIDS: Intrebħet il-Ġlieda Ottubru p.21
L-Uġiegħ ta' Ras Novembru p.21
U ħu wieħed ta' l-aħħar Diċembru p. 21

**STEJJER, INHOBB L-i**
Ma tgħix mingħajr talb Aw/Sett p.17
Is-sinjura mhix magħrufa Ottubru p.5
San Duminku Savio Novembru p.19
Għin kemm tista' Diċembru p.17

**TELESKOPJU FUQ IL-HAJJA**
*minn P. William Axiaq OFMCap*
Influwenza Pandemika; Għaġeb fuq ix-xejn; Slash Programmes; Mhux iż-żmien! Jannar p.6
Slogans Djaboliċi; Skond Min; Xogħol il-Bibbja; Ir-Relattiviżmu Modern Frar p.6
Ġeneru Letterarju Perikoluż; Pellegrinaġġi bla frott?; Ċapċip bla Riżultat; X'Differenza! Marzu p.6
It-Tixrid ta' Moħħ il-Maltin; Avverbju Ikrah; Povru Pronom! April p.6
Espressjoni Tirannika; Permessivita; Domandi fuq domandi; Jum l-Omm Mejju p.6
L-Ironija fil-mezzi ta' Komunikazzjoni Soċjali; wara l-festa popolari tad-Duluri; Mentalita Żbaljata u Perikoluża; Mentalita Inġusta Ġunju/Lulju p.6
Spjegi waqt pellegrinaġġl; Waħda mill-kontradizzjonijiet ta' żmienna; Ħasil kuljum jew ta' spiss; L-uġiegħ tal-ġusti Aw/Sett p.6
Il-komplikazzjoni tad-dnub. Ommijiet bla moħħ. Pożizzjoni komda fil-Knisja. Vot jew persuna? Ottubru p.6
Sajf: Quddiesa ta' kuljum – Ġenituri; Ekoloġija tal-qalb; Kummenti fuq iċ-Ċensiment; Suspetti fost il-Miżżewġin Novembru p.6
Il-letteratura llum; Il-valur tal-quddiesa; Differenza bejn reliġjon u oħra; Idea perikoluża f'ċerti skejjel Diċembru p.6

**TWEĠIBA** *minn P. William Axiaq OFMCap*
Omm u bint jinġibdu lejn l-istess raġel Jannar p.22
Il-Ħadd għall-mistrieħ Frar p.22
Raġel li ma japprezzax Marzu p.22
L-Adulterju April p.20
Raġel aggressiv Mejju p.20
Meta titlef il-fidi Ġunju/Lulju p.20
Adulterju Aw/Sett p.20
Tendenzi Lesbiċi Ottubru p.20
Fissazzjoni fir-Raġel Novembru p.25
L-Adulterju u l-Maħfra Diċembru p.25

**VOKAZZJONI**
Kif il-Mulej sejjaħli – ***Sr Marie Bernardette Aquilina*** Jannar p.31
Ħielsa u kuntenta f'ħajja ta' qadi fis-skiet – ***Sr Francis Hilary Warrington*** Frar p.31
"Qatt ma stennejna grazzja bħal din!" – ***Alfred u Antonia Scicluna*** Marzu p.28
"Grazzi talli tajtuli..." – ***Br Denis Calleja OFMCap*** Aw/Sett p.14
Qatt ma ħlomt li nsir reliġjuża – ***Sr Marie-Carmel Saliba*** Diċembru p.14




**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**

## KALENDARJU MISSJUNARJU 2007

Forma tawwalija b'ritratti attraenti relattivi mal-ħidma missjunarja tal-Kapuċċini fil-Kenja.

Tista takkwista kopja mis-Segretarjat Missjoni Kapuċċini, Floriana.
Tel. 2123 3874 / 2122 5525.

**Kull offerta tkun apprezzata.**



# APPELLI URĠENTI MILL-ISQFIJIET U MISSJUNARJI TAGĦNA FIL-KENJA





Qed nirċievu appelli mill-Kenya li nixtiequ naqsmu magħkom għax nafu li intom tgħinuna biex nibgħatu dak kollu li nistgħu lill-Missjunarji mill-aktar fis.

Għandna appell mingħand l-Isqof Francis Baldacchino biex ngħinuh fix-xogħol li qed jorganizza fid-Djoċesi tiegħu ta' Malindi favur dawk li huma morda bit-tuberkulosi, HIV/AIDS u l-familji u dipendenti tagħhom li ħadu jew jistgħu jittieħdu minn dan il-mard.



L-Isqof Paul Darmanin kitbilna li għandom l-għarar u ħafna minn Garissa, Madogo, Mororo, Hola, Wajir u Mandera huma taħt l-ilma. In-nies tilfu l-uċuħ tar-raba u kellhom jitilqu minn djarhom. Issa hemm il-periklu tal-ġuħ u mard tal-malarja, disenterija u tal-annimali bħal kukkudrilli li telgħu mal-ilma qrib id-djar.

P. Spir u P. Joe Galea qed jiktbulna wkoll li qegħdin fl-istess sitwazzjoni ġo Hola u fl-irħula ta' madwarhom.

**Nappellaw lill-ħbieb u benefatturi tagħna biex jibgħatu d-donazzjonijiet tagħhom lill:**

**UFFIĊĊJU MISSJONI KAPPUĊĊINI, KUNVENT TAL-KAPPUĊĊINI, FLORIANA VLT 14**

TELEPHONE: 21 233874 21 225525 Email: ofmcap@keyworld.net

Cheques pagabbli lill-
MISSJONI KAPPUĊĊINI

| | | |
|---|---|---|
| APS Bank : | ĠUĦ FIL-KENJA | 2000039057-6 |
| Bank of Valletta: | ĠUĦ FIL-KENJA | 40014859197 |
| HSBC | ĠUĦ FIL-KENJA | 089021505053 |
| Lombard Bank | ĠUĦ FIL-KENJA | 01172108874 |

# CATHOLIC DIOCESE OF MALINDI

P.O. Box 1573, Malindi, Kenya, E. Africa
Tel.: 0254-42-31489; Fax: 0254-42-30835
E-mail: mldbishop@africaonline.co.ke

23 ta' Novembru 2006

P. Krispin Tabone,
Uffiċċju Missjunarju,
PP Kapuċċini,
Floriana.

Għażiż P. Krispin Tabone,

Sibna li bosta opri ta' karità b'risq dawk milquta mill-marda kiefra tal-HIV/AIDS huma ferm limitati minħabba n-nuqqas ta' flus. Il-morda huma eluf; u t-tfal iltiema jiġġerrew mat-toroq qegħdin jiżdiedu. Minbarra li jkollhom ħajja ferm iebsa, dawn it-tfal huma l-ħallelin tal-futur!

Bosta morda li ma jistgħux igħixu mingħajr il-mediċina li jieħdu mingħand l-Gvern; u magħha jeħtieġu ikel speċjali li m'għandhomx biex jixtruh; hawn ommijiet romol imħollija bil-piż li jrabbu 'l uliedhom weħidhom, wara li jkunu biegħu kulma kellhom biex iżommu 'l żewġhom ħaj; hawn nanniet xjuħ li jridu jieħdu ħsieb it-tfal ta' wliedhom li mietu bil-marda; trabi u tfal żgħar infettati minn ommijiethom, xi wħud minnhom diġà mejtin; tfal li jkollhom iħallu l-iskola sekondarja li hi bil-ħlas, u oħrajn li jaqtgħu mill-istudju biex isibu xi xogħol biex irabbu 'l ħuthom iżgħar minnhom. Niltaqgħu ma' nies imċappsa bit-TB minħabba l-AIDS, u d-dieta tagħhom tqum il-flus!

Il-morda jeħtieġu l-faraġ ta' min jismagħhom, biex ma jibqgħux jgħixu weħidhom, moħbijin, mistkerrħa u mwarrba; dawn ifittxu l-parir tat-tabib, tas-saċerdot, taċ-Children's Office, u mqar ta' xi avukat biex ma jitilfux l-biċċa raba mħollija minn żewġhom! U l-lista tkompli titwal.

Id-Djoċesi qiegħda taħdem f'dawn l-oqsma kollha, imma b'ħafna tqanżiħ bla ma tista' tfassal ebda programm serju. P. Krispin, tistgħu tgħinuna?

Grazzi bil-quddiem.

Ħuk fi Kristu,
*+Mons. Frans Baldacchino,*
Isqof ta' Malindi, Kenja.

